MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2025

Appell Inferjuri Numru 50/2024 LM

**Ivan Camilleri (K.I. nru. 360371M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Allied Newspapers Limited (C 308)**
*('is-soċjetà appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Allied Newspapers Limited (C 308)**, [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija fil-31 ta' Mejju, 2024 [minn issa 'il quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li ddeċieda t-talbiet

tar-rikorrent **Ivan Camilleri (K.I. nru. 360371M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] fil-konfront tagħha, kif ġej:

*"Wara li t-Tribunal eżamina u evalwa d-dikjarazzjoni tal-każ, testimonjanzi, dokumenti u sottomissjonijiet tal-partijiet u wara konsiderazzjoni ta' dawn, jiddeċiedi li r-rikorrent is-Sur Ivan Camilleri kien terminat mix-xogħol inġustament u għalhekk mhux skont il-liġi.*

***Kumpens***

*It-Tribunal jordna kumpens mingħand is-soċjetà Allied Malta Newspapers plc lir-rikorrenti s-Sur Ivan Camilleri s-somma ta' mija u wieħed u sebgħin elf, ħames mija u disgħa u sittin euro (€171,569.00) li nofsha titħallas fi żmien sitt xhur mid-data ta' din id-deċiżjoni u n-nofs l-ieħor jitħallas fi żmien sena minn din id-deċiżjoni.*

*Motivazzjoni tal-kumpens:*

| | | |
|---|---|---|
| *Basic weekly wages* | *(FS3) 2017 €973.18 x52 ġimgħa* | *€50,605.36* |
| | *(FS3) 2018 €975.93 x 52 ġimgħa* | *€50,748.36* |
| | *(FS3) 2019 €979.26 x 52 ġimgħa* | *€50,758.41* |

*Average ta' sena fuq it-tliet snin ref. folios 449-451*

*It-Tribunal uża l-*Extrapolated self-employment income
*Ref. folio 448 għal perijodu 2020-2028 u wasal għal figura ta' €238,566.00*
*(fejn huwa stmat li fl-2018 ikun laħaq id-dħul ta' €50,758.41)*

*Kalkoli finali –*

| | |
|---|---|
| *Average yearly wage €50,758.00 x 9 snin* | *€456,822.00* |
| *Tnaqqas is-*self-employment *għal 9 snin folio 448* | *<u>€238,566.00</u>* |
| *Differenza* | *€218,256.00* |
| *Jiżdied il-bonuses statutorji għal 9 snin* | *€4,613.00* |
| *Tnaqqas 25% bħala l-piż tar-responsabbilità tar-rikorrent fil-każ* | *€55,717.00* |
| | *€167,152.00* |
| *Danni morali (€1000 għal kull sena mill-20 ta' Diċembru, 2019* | |
| *Jew parti minn sena)* | *€4,417.00* |
| *Total dovut mis-soċjetà lir-rikorrenti* | *€171.569.00* |

*L-ispejjeż tal-kawża għad-debitu tas-soċjetà intimata jiġifieri l-Allied Newspapers plc."*

**Fatti**

2. Permezz tar-rikors ippreżentat quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li huwa kien impjegat mas-soċjetà intimata bħala *senior journalist* fuq bażi *full-time* għal perijodu indefinit sa mis-sena 2004, u l-impjieg tiegħu ġie tterminat fid-19 ta' Diċembru, 2019 għal raġunijiet dixxiplinarji. Ir-rikorrent qal li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg saret għal raġunijiet inġusti u illeċiti, u għalhekk tammonta għal *wrongful dismissal.* Fid-dikjarazzjoni tal-każ, ir-rikorrent spjega li huwa beda jaħdem mas-soċjetà intimata wara li kien bena karriera fil-ġurnaliżmu ma' *news outlets* oħra, ftit xhur wara li Malta ssieħbet fl-Unjoni Ewropea, hekk kif is-soċjetà intimata kellha bżonn tiftaħ uffiċċju fi Brussell b'ġurnalist korrispondent fuq bażi *full-time.* Qal li oriġinarjament huwa ffirma kuntratt ta' sentejn bħala prova, iżda dan il-kuntratt iġġedded għal erba' darbiet konsekuttivi għaliex ix-xogħol tiegħu kien jintogħġob mill-edituri, u l-istejjer li kien jaħdem fuqhom kienu jispiċċaw fil-paġni ewlenin tal-gazzetta. Qal li għalkemm it-tmexxija tas-soċjetà intimata dak iż-żmien kienet kuntenta bih, huwa kien konxju li kien hemm ġurnalisti oħra li xtaqu jmorru jaħdmu Brussell, u għalhekk ma kinux jgħaddu kliem ta' tifħir dwaru. Qal li fis-sena 2010 beda jitħejja pjan sabiex tinbidel l-istruttura ta' tmexxija tas-soċjetà intimata, u kien hawnhekk li bdew il-problemi għalih fuq il-post tax-xogħol. Spjega li lejn l-aħħar tal-2010 huwa rċieva *email* li permezz tagħha ġie mgħarraf li l-kumpannija ddeċidiet li tirristruttura, u li s-servizzi tiegħu minn Brussell ma kinux meħtieġa aktar. Qal li huwa ġie mitlub jirrapporta lura lejn Malta mix-xahar ta' wara, fejn is-salarju li kellu jibda jirċievi kien ferm anqas. Qal li din l-ordni kienet tikser il-kuntratt tax-xogħol tiegħu, u huwa rreżistieha kemm felaħ, iżda fl-aħħar mill-aħħar lejn nofs is-sena 2012 huwa kellu jirriloka l-familja tiegħu u jirritorna lejn

Malta, filwaqt li kellu jbiegħ id-dar li kien xtara fi Brussell bi prezz anqas milli kien xtraha. Qal li meta kompla jaħdem mas-soċjetà intimata f'Malta, huwa kien konxju li ma kienx miġjub mit-tmexxija tagħha, u kull ftit xhur huwa kien jiġi akkużat b'xi ħaġa, jew kienu jsirulu xi domandi sabiex huwa jitlef l-ħin jew biex ikun hemm ġustifikazzjoni għalfejn lilu titnaqqaslu l-paga. Qal li meta kien hemm bidla fit-tmexxija fl-2016, ma kellu l-ebda problemi fuq il-post tax-xogħol, u dan sal-2019, u f'dan iż-żmien huwa kien iħoss li huwa apprezzat. Imma lejn nofs l-2019 is-sitwazzjoni reġgħet inbidlet għaliex l-editur ta' dak iż-żmien kien irtira bl-età, u l-kumpannija reġgħet appuntat wieħed mill-individwi li r-rikorrent ħass li kien joħloqlu l-problemi fit-tmexxija tal-kumpannija, u minn hemm reġgħu bdew il-problemi għalih. Ir-rikorrent qal li f'Ottubru tal-2019, beda l-attakk finali fuqu, meta rival antik fil-ġurnaliżmu, Saviour Balzan, kien irrapporta storja li huwa kien involut f'inċident ta' *shoplifting.* Ir-rikorrent qal li dan ma kellux x'jaqsam max-xogħol tiegħu, u dak iż-żmien kienet saret indaġini sħiħa mill-editur tal-gazzetta mas-sid tas-*supermarket* minn fejn allegatament ittieħdu l-affarijiet. Qal li wara l-indaġini li saret, ġie stabbilit li din l-istorja dwaru kienet ġiet ivvintata, imma l-editur tal-gazzetta, Herman Grech, talbu jissospendi ruħhu mill-impjieg. Ir-rikorrent qal li sadanittant komplew l-attakki kontra tiegħu, inkluż minn persuni li kienu ħolqulu diffikultajiet fil-passat. Qal li fid-19 ta' Diċembru, 2019 huwa ġie infurmat minn Michel Rizzo li ried ikellmu, u meta attenda għal-laqgħa, sab li kien hemm diversi persuni b'ittra lesta u ppreparata b'żewġ akkużi, waħda relatata mal-inċident tas-*supermarket,* u l-oħra li kienet tgħid li huwa kien għadda informazzjoni lil Yorgen Fenech, li kien qiegħed jiġi segwit minn xi ħadd mill-ġurnalisti impjegati mas-soċjetà intimata, dakinhar li allegatament kien ser jaħrab minn Malta. Qal li huwa kien sorpriż

ferm b'dawn l-akkużi. Ir-rikorrent qal li huwa talab għall-provi dwar dawn l-akkużi, imma l-persuni preżenti ma kellhom xejn dwaru, għalkemm xi siegħa wara huwa ġie infurmat li kien qiegħed jitkeċċa mill-impjieg. Qal li huwa wissa lill-*management* li kien hemm ksur tal-liġi għaliex huwa ma ngħata l-ebda ċans jiddefendi ruħhu, u għaliex il-persuni li akkużawh ma setgħux jiddeċiedu dwaru. Qal li hekk kif ingħata l-aħbar li kien qiegħed jitkeċċa mill-impjieg, kienu diġà ngħataw l-ordnijiet lil dawk responsabbli mill-IT sabiex jiġu ssekwestrati l-*hard disk* u d-dokumenti personali tiegħu kollha, ġiet ibblokkjata l-*email* tiegħu, u ma ngħatax id-dritt li jikseb lura l-informazzjoni li kellu fil-pussess tiegħu. Qal li dan kollu apparti li l-istorja sabet ruħha rappurtata fuq il-*MaltaToday*, u huwa ġie mxandar mal-erbat irjieħ tad-dinja għal affarijiet li ma kienx għamel. Ir-rikorrent qal li huwa sofra piż morali u finanzjarju kbir għal dan kollu, b'detriment kemm għalih u kif ukoll għall-familja tiegħu. Spjega li huwa sofra l-aktar għaliex ġiet imtappna r-reputazzjoni tiegħu. Qal li huwa tilef impjieg b'rimunerazzjoni tajba, u l-mod kif huwa ġie akkużat u tħammeġ, xekkel kull opportunità għalih li jsib xogħol alternattiv u tal-istess kwalità.

3. Is-soċjetà intimata wieġbet li hija kellha raġunijiet gravi, li jammontaw għal raġunijiet ġusti u suffiċjenti skont il-liġi, sabiex tittermina l-impjieg tar-rikorrent. Qalet li r-rikorrent beda jaħdem magħha bħala ġurnalist korrispondent fi Brussell, u meta ma kienx aktar vijabbli għaliha li jkollha korrispondent fi Brussell, ir-rikorrent issejjaħ lura Malta sabiex ikompli x-xogħol tiegħu bħala *senior journalist.* Qalet li l-każ min-natura tiegħu irid jiġi kkontestwalizzat, fis-sens li sabiex l-operat tagħha jkun ta' suċċess, hija għandha tgawdi l-fiduċja tal-qarrejja tagħha. Is-soċjetà intimata spjegat li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent ma seħħitx b'kapriċċ, iżda għaliex kien

hemm raġunijiet oġġettivi ta' natura gravissima sabiex l-impjieg tiegħu jiġi tterminat. Kompliet tgħid li fid-dikjarazzjoni tal-fatti tiegħu, ir-rikorrent naqas milli jelenka l-lista twila ta' twissijiet li ngħata tul is-snin, qabel ġie kkonfrontat bl-inċidenti li wasslu għat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg, liema twissijiet kienu kemm verbali, kif ukoll bil-miktub. Is-soċjetà intimata qalet li dawn it-twissijiet imorru lura għas-sena 2014, u jinkludu aġir aggressiv u vulgari min-naħa tar-rikorrent fil-konfront ta' numru ta' ġurnalisti, speċjalment nisa. Is-soċjetà intimata qalet li dawn l-inċidenti kienu gravi u xokkanti, li jwaqqgħu l-isem u l-operat tagħha, u kellhom iwasslu għat-tkeċċija immedjata tar-rikorrent mill-impjieg, imma minkejja dan huwa baqa' jingħata l-opportunitajiet sabiex jibdel l-attitudni tiegħu. Qalet li kuntrarjament għal dak li jgħid ir-rikorrent, mhux minnu li hija xtaqet teħles minnu, imma huwa ma kien juri l-ebda rimors għall-atteġġjament tiegħu, u kien jinsisti li l-karattru tiegħu hu kif inhu, u li kellu jiġi aċċettat kif inhu. Qalet li bit-*track record* li kellu r-rikorrent, fl-2019 ġraw żewġ inċidenti serji u inaċċettabbli li wasslu għat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg, bl-ewwel wieħed kien jinvolvi ksur ta' etika, meta hija kellha informazzjoni li r-rikorrent għadda informazzjoni ta' natura sensittiva lil Yorgen Fenech. Spjegat li dan jammonta għal ksur inaċċettabbli tal-etika ġurnalistika, hekk kif b'dan l-allegat aġir, ir-rikorrent seta' jipperikola kollegi tiegħu li kienu qegħdin jaħdmu fuq din l-istorja. Is-soċjetà intimata qalet li t-tieni episodju seħħ ukoll fl-2019, meta permezz ta' artikolu ppubblikat fuq il-*MaltaToday*, kien hemm allegazzjoni li r-rikorrent inqabad jisraq minn *supermarket*. Qalet li dak iż-żmien hija kienet talbet lir-rikorrent jagħti spjega rigward dak irrappurtat dwaru, u huwa kien ċaħad dawn l-allegazzjonijiet, u hija kienet emmnitu u anki ħarġet stqarrija kontra l-ġurnal *MaltaToday* u l-editur tiegħu, li kienu ħarġu b'din l-

istorja. Is-soċjetà intimata qalet li sussegwentement, hija bdiet tirċievi informazzjoni li l-istorja ppubblikata fil-*MaltaToday* kienet seħħet tassew, u meta bdiet tinvestiga l-każ, sabet li r-rikorrent kellu bosta każijiet ta' *shoplifting* mill-ħanut Valyou. Qalet li meta rċeviet din l-informazzjoni, ġie stabbilit li r-rikorrent mhux biss mhuwiex persuna affidabbli, imma l-gideb u l-ingann tiegħu kienu tellfu l-kredibbilità tagħha, tant hu hekk li hija kellha toħroġ stqarrija oħra sabiex tirtira dak li kienet qalet fl-ewwel stqarrija tagħha. Is-soċjetà intimata qalet li meta rinfaċċjat b'dan kollu, ir-rikorrent baqa' jinsisti li min-naħa tiegħu ma kien għamel xejn ħażin, u li s-soċjetà intimata ma kellha l-ebda prova f'idejha sabiex tissostanzja dak li kien qiegħed jiġi allegat minnha. Is-soċjetà intimata qalet li t-Tribunal għandu jikkonkludi li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent saret għal raġuni tajba u suffiċjenti skont il-liġi, u għalhekk għandu jiċħad it-talbiet kollha tiegħu.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

4. It-Tribunal, permezz tad-deċiżjoni mogħtija minnu fil-31 ta' Mejju, 2024, iddeċida li t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg kienet waħda inġusta, u ordna l-ħlas ta' kumpens lir-rikorrent fl-ammont ta' mija u wieħed u sebgħin elf, ħames mija u disgħa u sittin Euro (€171,569.00) in linea ta' danni, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "***<u>Konsiderazzjonijiet</u>***
>
> *It-Tribunal kellu quddiemu każ fejn ir-rikorrenti ilmenta li ġie mkeċċi inġustament u kontra l-liġi mill-impjieg tiegħu fuq allegata imġieba ħażina, in parti konnessa max-xogħol tar-rikorrenti u in parti konnessa ma' imġiba privata. L-esponent jgħid li dawn l-allegazzjonijiet mhux biss inveritieri imma s-soċjetà ma kellha l-ebda prova sabiex tissostanzja l-allegazzjonijiet magħmula fil-konfront tiegħu. Ma' dan iżid li t-tkeċċija*

*tiegħu kienet ukoll kontra l-liġi għaliex ma ngħata l-ebda opportunità biex jiddefendi lilu nnifsu filwaqt li l-proċess li permezz tiegħu kellu l-impjieg terminat ma kienx skont il-proċedura tal-ftehim kollettiv u anki nieqes mill-prinċipji ta' ġustizzja naturali.*

*Min-naħa l-oħra s-soċjetà tgħid li r-rikorrenti żgwida lis-soċjetà tant li l-ewwel ħadet pożizzjoni pubblika favur ir-rikorrenti li wara kellha tirtira minnha minħabba informazzjoni ġdida li ġiet għall-konjizzjoni tagħha. Ma' dan kien hemm ukoll inċident ieħor fejn hu allegat li r-rikorrenti għadda informazzjoni lil terzi li kienu suġġetti għal investigazzjoni kriminali liema mġiba mbarazzat lis-soċjetà tant, li l-istess reputazzjoni tas-soċjetà kienet mhedda. Is-soċjetà targumenta li ċ-ċirkostanzi tal-każ tant kienu diffiċli għas-soċjetà li ma kellhiex triq oħra ħlief li timxi mal-ispirtu tal-ftehim kollettiv jekk mhux mal-ittra tiegħu u tkeċċi lir-rikorrenti mill-impjieg.*

*Għalhekk it-Tribunal ried iħares lejn iż-żewġ aspetti. L-ewwel dwar kif is-soċjetà waslet għad-deċiżjoni billi t-Tirbunal iħares lejn l-aspetti proċedurali tal-proċess ta' dixxiplina, l-investigazzjonijiet li saru, is-smigħ tal-każ u d-dritt għall-appell. Fit-tieni istanza t-Tribunal ried iħares lejn aspetti ta' sustanza tal-każ bħar-raġuni għat-tkeċċija, iċ-ċirkostanzi madwar il-każ, kienx hemm konsistenza fid-deċiżjoni, il-flessibilità mistennija, il-kuntratt tal-impjieg u n-natura tax-xogħol tal-konvenut kif ukoll il-portata tal-azjenda, fost oħrajn. Ebda waħda minn dawn l-aspetti waħidha, ma hi sa tiddetermina l-konklużjoni li jasal għaliha dan it-Tribunal.*

*Filwaqt li l-Kap. 452 (36) ipoġġi l-oneru tar-responsabbilità fuq il-prinċipal biex jikkonvinċi lit-Tribunal li s-soċjetà kellha raġunijiet validi fil-liġi biex tkeċċi lill-impjegat, ikun it-Tribunal li wara, abbażi tal-evidenza ppreżentata jiddeċiedi jekk il-prinċipal ġabx ruħhu b'mod raġonevoli meta ddeċieda li jkeċċi lill-impjegat.*

***Proċedura segwita***

*Dwar il-kundizzjonijiet magħrufa tal-impjieg, Kap. 452(5) jgħid li l-kundizzjonijiet fi ftehim kollettiv huma l-kundizzjonijiet magħrufin ta' impjieg għall-impjegati interessati.*

*Il-klawsola tad-dixxiplina hija forsi waħda mill-aktar klawsoli importanti fi ftehim kollettiv għaliex telenka l-proċess li bih tkun eżerċitata l-ġustizzja fuq il-post tax-xogħol meta ħaddiem ikun akkużat bi ksur tar-regoli tal-kumpannija. 452 (2), (5) (1).*

*Fil-każ ta' Silvio vs Corinthia Palace Company Ltd, il-Qorti tal-Appell stqarret li:*

> "Il-kundizzjonijiet u dixxiplini l-oħra tiegħu (ftehim kollettiv) għandhom jitqiesu r-regoli ta' ġudizzju li jridu jiġu assunti meta tinsorġi xi kwistjoni jew problema bejn l-interessi."

*Prinċipal huwa ġustifikat li jieħu deċiżjoni mingħajr ma neċessarjament jimxi mal-proċess ta' dixxiplina meta l-każ ikun ovvju bħal meta impjegat jammetti akkuża serja biżżejjed li twassal għat-terminazzjoni tal-impjieg. F'ċirkostanzi bħal dawn il-proċess ta' dixxiplina jista' jsir superfluwu għaliex mhux se jbiddel xejn mill-każ. Iżda meta r-rikorrent jiċħad l-akkużi u jitlob għal smigħ aktar ġust tal-każ tiegħu allura l-prinċipal huwa obbligat li jagħmel smigħ xieraq biex ikun ħieles minn bias, ikun trasparenti u d-deċiżjoni finali tkun ibbażata fuq il-fatti.*

*Mhiex il-funzjoni tat-Tribunal li jibdel l-opinjoni tal-prinċipal ma' dik tat-Tribunal imma biss jekk is-soċjetà imxietx b'mod raġonevoli fl-azzjonijiet tagħha.*

*Biex proċess ta' dixxiplina jkun ġust irid isegwi l-prinċipji tal-ġustizzja naturali bħala* minimum *ta' dak mistenni u fejn hemm ftehim kollettiv ikunu rispettati r-regoli maqbula bejn l-Union u s-soċjetà.*

*Il-ftehim kollettiv bejn is-soċjetà u l-Unjin jispeċifika li;*

> "all employees are entitled to a fair treatment and to justice. In this regard, employees shall, in case of discipline, invariably be given the opportunity of defending themselves and in serious cases, shall have the right of appeal to the Board of Directors". *Ref. Ftehim Kollettiv paġna 23 folio 185*

*Fid-dinja lavorattiva s-saħħa ta' ftehim kollettiv kien spjegat ċar fid-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali 2382 JHP fl-2015 fejn it-Tribunal saħaq li;*

> "Ftehim huwa ftehim u jrid jinżamm 'Pacta sunt servanda'. Dan huwa l-pern ta' din it-tilwima, fejn it-Tribunal irid jaċċerta li ftehim kollettiv jiġi segwit in toto u bl-ebda mod imxellef il-qbil tal-partijiet."

*Selwyn jgħid li wieħed mill-modi ta' kif tkeċċija tkun inġusta bl-Ingliż* wrongful dismissal *huwa meta:*

> The employer terminates the employment without carrying out the discplinary procedure which has been incorporated into the employee's contract.

*Selwyn's Law of Employment 21st Edition para 16.6(d)*

*Oltre minn dan, il-prinċipji ta' ġustizzja naturali fejn iż-żewġ partijiet fil-konflitt iridu jinstemgħu u li ħadd ma jista' jkun il-ġudikant fil-każ tiegħu stess, huma bażilari u l-minimu mistenni minn kull proċess ta' ġudizzju, speċjalment meta ġudizzju jista' jwassal għat-tmiem ta' impjieg ta' ħaddiem. Tant li l-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Paul Borg vs Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku 2012 iddikjarat li:*

> "Fl-aħħar nett, għandu jiġi osservat li fil-kuntest tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali, ingħad a propositu, li n-nullità ta' xi deċiżjoni għandha tiġi pronunzjata anke jekk l-istess deċiżjoni tkun sostanzjalment ġusta."

*Is-soċjetà għandha ftehim kollettiv li jkopri lir-rikorrenti. Appendix E folio 14 jelenka l-proċedura li biha jitmexxu l-istadji diversi tal-proċess ta' dixxiplina fosthom li l-individwu għandu dritt għal smigħ ġust, il-possibilità ta' sospensjoni mix-xogħol għal tul l-investigazzjoni u l-proċess u anki d-dritt għall-appell.*

*Dwar il-proċedura ta' dixxiplina tal-ftehim kollettiv, is-soċjetà targumenta li fil-proċedura finali li wasslet għat-tkeċċija tar-rikorrenti kien hemm wisq għaddej biex il-kumpannija setgħet taderixxi mal-ftehim kollettiv b'mod verbatim ref para 50 sottomissjonijiet tas-soċjetà.*

*F'dan id-dawl, it-Tribunal ifakkar li jekk principal jittermina l-impjieg ta' ħaddiem mingħajr ma jsegwi l-proċedura stabbilita, it-Tribunal se juża kawtela ferm aktar meta se jeżamina jekk it-tkeċċija kinitx raġonevoli jew le.*

*Selwyn jagħti qafas ta' kif jitmexxa proċess ġust ta' dixxiplina u filwaqt li jgħid li proċeduri ta' dixxiplina interni m'għandhomx ikunu mgħobbija b'ħafna legaliżmi u formalitajiet żejda, xorta jagħti lista ta' dak li mistenni minn principal tipiku fosthom:*

(i) The employee is entitled to know the nature of the charges against him in sufficient detail to enable him to prepare his case,
(ii) An employee should always be given an opportunity to state his case no matter what the circumstances are,
(iii) He should be permitted the right to be represented or accompanied in accordance with procedure,
(iv) He should be informed of his right to appeal to a higher level of management, who have not previously been involved in the decision or to an independent arbitrator.

*Selwyn's Law of Employment 21$^{st}$ Edition para 12.22*

*Fil-każ quddiem it-Tribunal ir-rikorrenti kien mitlub jippreżenta ruħhu għal laqgħa mad-direttur maniġerjali bla ma kien jaf x'kien is-suġġett tal-laqgħa. Hemm sab mhux biss lid-direttur maniġerjali imma wkoll liċ-chairperson tal-bord tad-diretturi, direttur ieħor tal-Bord u l-Editur in chief tal-gazzetta Times of Malta. Ir-rikorrenti ngħata ittra* 'Letter/memo' *ref folio A11, b'allegazzjonijiet serji li jistgħu jwasslu għat-tkeċċija mill-impjieg. Għal dawn l-allegazzjonijiet l-attur kien mitlub biex dak il-ħin stess jipprova l-innoċenza tiegħu dwarhom. L-appellant ċaħad l-allegazzjonijiet u pprotesta li l-proċess adottat kien imur kontra l-ftehim kollettiv filwaqt li talab biex*

*ikun assistit. L-appellant kien mitlub joħroġ mill-kamra u jistenna. Id-direttur maniġerjali jgħid li hu ċempel dak il-ħin lill-membri l-oħra tal-bord u mingħandhom ħa l-kunsens biex jittermina l-impjieg tar-rikorrenti. L-appellanti ġie mgħajjat lura fil-kamra wara xi siegħa fejn ġie mogħti t-tieni ittra li tinfurmah li l-impjieg tiegħu kien terminat b'effett immedjat ref folio B13. Ebda informazzjoni ma ngħata dwar id-dritt għal appell skont il-ftehim kollettiv.*

*Selwyn jgħallem li hemm tliet kategoriji ta' smigħ ta' każijiet bħal dawn;*

- *(i) L-ewwel smigħ informali fejn il-prinċipal jisma' u jiddiskuti ma' impjegat dwar xi materja li tkun ġiet għal konjizzjoni tas-soċjetà,*
- *(ii) It-tieni smigħ huwa fejn il-prinċipal jaħtar investigatur biex jiġbor il-fatti u evidenza dwar materja li tkun ġiet għall-konjizzjoni tal-prinċipal u li tista' twassal għal passi dixxiplinarji,*
- *(iii) It-tielet smigħ huwa proċess ta' dixxiplina fejn ċertu prinċipji bażiċi jkunu osservati għal smigħ ġust.*

*Selwyn's Law of Employment 21st Edition para 12.2*

*Il-fatt li s-soċjetà użat il-laqgħa tad-19 ta' Diċembru, 2019 biex keċċiet l-attur allura huwa raġonevoli li t-Tribunal jassumi li dan kien smigħ għall-fini ta' dixxiplina. L-evidenza turi li ma kien hemm ebda preavviż lir-rikorrenti għal din il-laqgħa tant li ma kienx jaf x'kienet l-aġenda tal-laqgħa. L-attur ġie ppreżentat b''*letter/memo' *u mhux* 'charge letter' *tant li l-istess prinċipal jirreferi għal allegazzjonijiet u mhux akkużi. Filwaqt li l-attur ċaħad l-allegazzjonijiet, il-Bord kompla bil-proċess minkejja li l-attur ma ngħatax l-opportunità li jipprepara lilu nnifsu għad-difiża. B'konsegwenza ta' dan il-Bord ma semax il-verżjoni tal-fatti kif jafhom l-attur. Ir-rikorrenti anqas ma ngħata ċ-ċans li jikkonsulta jew ikun assistit. Fi spazju ta' madwar siegħa u nofs, ir-rikorrenti kellu l-impjieg tiegħu terminat. L-attur anqas ma kien infurmat bid-dritt tiegħu fil-ftehim kollettiv għall-appell mid-deċiżjoni.*

*Is-soċjetà tressaq l-argument illi fid-dawl tal-leak tal-informazzjoni li ħarġet minn proċess fil-qorti fl-għodwa tad-19 ta' Diċembru, 2019 u l-ħsieb tas-soċjetà li dan il-*leak *seta' twettaq mir-rikorrenti abbażi ta' dak li suppost qal is-sors li kien magħruf biss lill-Editur is-Sur Herman Grech, id-direttur maniġerjali jistqarr li f'dawn iċ-ċirkostanzi s-soċjetà kellha tieħu deċiżjonijiet kritiċi biex issalva r-reputazzjoni tagħha u anki s-sigurtà tal-ġurnalisti ref folio 341. Minħabba f'hekk, jidher ċar li s-soċjetà kellha għaġġla kbira tittermina l-impjieg tar-rikorrenti minħabba f'dak li ħasbet setgħu jkunu l-konsegwenzi fuq is-soċjetà. It-Tribunal japprezza li l-isfond storiku li jinkwadra l-każ tal-*leak *u kemm dan kien ta' sfida partikolari għall-maniġment iżda dawn is-sitwazzjonijiet huma xorta* 'another day at the office' *għal maniġment u*

*b'hekk ma jnaqqas xejn mir-responsabbilità tal-prinċipal li jaġixxi korrettement skont il-liġi.*

*Il-ftehim kollettiv jipprovdi li impjegat jista' jiġi sospiż sakemm isiru l-investigazzjonijiet u l-proċess ta' dixxiplina u għalhekk is-soċjetà kellha alternattiva li biha setgħet timmitiga s-sitwazzjoni. Kienet għażla żbaljata tas-soċjetà li ma għamlitx użu ta' dan il-provvediment fil-ftehim kollettiv.*

*Kien żball ukoll tas-soċjetà li meta l-attur ċaħad l-allegazzjonijiet minflok assigura li r-rikorrent jingħata smigħ xieraq skont il-liġi u l-ftehim kollettiv, baqgħet għaddejja bil-proċess. F'dak il-mument il-prinċipal kellu jwaqqaf il-proċess biex l-attur jingħata ċ-ċans li jipprepara d-difiża tiegħu u jkun assistit.*

*Kien żball ukoll tas-soċjetà meta ħalliet lid-direttur maniġerjali jkun preżenti għall-proċess meta l-ftehim kollettiv jipprovdi li fil-każ ta' appell mid-deċiżjoni jrid isir quddiem l-istess direttur maniġerjali. Il-preżenza tiegħu fil-proċess effettivament għalqet il-possibilità ta' appell mid-deċiżjoni li r-rikorrenti seta' kellu. Ħadd ma jista' jiġġudika l-każ tiegħu stess* – nemo judix in causa sua.

*Għalhekk is-soċjetà qatt ma setgħet tassumi li jekk timxi mal-proċess ta' dixxiplina skont il-ftehim kollettiv, ma kien se jbiddel xejn u tikkonkludi li xorta waħda kienet ser issib lir-rikorrenti ħati. L-ittra legali mibgħuta f'isem ir-rikorrenti lis-soċjetà l-għada tad-deċiżjoni li jitkeċċa mill-impjieg ref folio D16 u l-protest ġudizzjarju ref folio E17 kienu sinjali ċari biżżejjed u fil-ħin biex is-soċjetà tirrifletti sewwa fuq l-azzjonijiet tagħha.*

*Għaldaqstant meta l-ftehim kollettiv jgħid speċifikament li* employees shall, invariably be give the opportunity to defend themselves, *is-soċjetà kienet taf ben tajjeb dak li kien mistenni minnha u għalhekk żbaljat meta għaġġlet u ma mxietx mal-proċedura ta' dixxiplina kif elenkata fil-ftehim kollettiv.*

*It-Tribunal ma waqafx hawn, eżamina aspetti oħra.*

***L-investigazzjonijiet***

*Il-kwalità tal-investigazzjoni hija determinanti biex prinċipal jagħmel deċiżjoni jekk għandux imur għal proċess ta' dixxiplina jew le. Prinċipal tipiku jikkonsidra sewwa materji bħal provi jew għajdut, preġudizzji u l-interessi ta' min jallega u l-element ta' korraborazzjoni tal-evidenza ppreżentata, fost oħrajn. Dan huwa speċjalment importanti meta l-proċess ta' dixxiplina jista' jwassal għat-terminazzjoni tal-impjieg. Għalhekk qatt m'għandha tittieħed azzjoni dixxiplinarja mingħajr investigazzjoni mill-prinċipal.*

*Ir-raġunijiet li s-soċjetà tagħti għad-deċiżjoni tat-terminazzjoni huma kollha bbażati fuq l-informazzjoni li ġabru d-Direttur Maniġerjali s-Sur Michel Rizzo u l-Editur in chief is-Sur Herman Grech. Għalhekk it-Tribunal iħares lejn il-kwalità ta' investigazzjoni li dawn għamlu fil-każ tal-Valyou u dak tal-*leak *ta' informazzjoni.*

*Minkejja li l-Editur in Chief jgħid li hu ma kienx qed jinvestiga lir-rikorrenti, ir-rwol tiegħu fil-każ tax-*shoplifting *u tal-*leak *ta' informazzjoni jippuntaw fid-direzzjoni ta'* investigatur*. It-Tribunal mhux se jgħid lis-soċjetà lil min għandha tappunta biex jinvestiga allegat ta' imġiba ħażina ta' impjegat. Li hu żgur huwa l-fatt li l-investigazzjoni f'dan il-kuntest trid tkun intiża biex twassal għal xi tip ta' evidenza li tista' tiġi eżaminata waqt smigħ xieraq. Ġurnalist għandu d-dritt kollu li jistrieħ fuq is-sorsi tiegħu meta jikteb storja imma meta ssir allegazzjoni fuq impjegat dwar nuqqas fil-ħajja lavorattiva tiegħu, li wieħed jistrieħ fuq is-sors mingħajr ma jista' jiġi identifikat biex jiġi eżaminat, żgur li mhux biżżejjed. L-evidenza għal fini ta' proċess dixxiplinarju jrid ikun eżaminabbli.*

*Għaldaqstant informazzjoni miġbura minn ġurnalist biex jibni storja m'għandha x'taqsam xejn ma' ġbir ta' evidenza biex isir smigħ xieraq ta' każ ta' dixxiplina. Li kieku mhux hekk, kieku l-ġurnalisti kollha jkunu f'qagħda enormi ta' vulnerabbilità għaliex sempliċiment allegazzjoni sostnuta biss minn sors mhux magħruf u mhux eżaminat tista' twassal lil kull ġurnalist biex jitkeċċa mix-xogħol.*

*F'dan il-każ, kredibbli kemm kien kredibbli s-sors f'għajnejn l-Editur in Chief qatt ma seta' jilħaq il-livell aċċettabbli bħala evidenza kredibbli quddiem dan it-Tribunal jekk mhux eżaminat. It-Tribunal jinnota ukoll il-mod differenti li bih l-Editur in Chief, trattat mal-ġurnalist Ivan Martin u l-ġurnalist Ivan Camilleri minħabba li għandhom l-istess isem. Filwaqt li tal-ewwel kien investigat informalment dwar il-*leak *u l-fatt li jaqsam l-istess isem ma' Ivan Camilleri, l-Editur kellu prioritajiet oħra fil-każ tar-rikorrenti u għażel li ma jintervistahx.*

*Dan kompla żied element ieħor ta'* bias *fil-mod kif kienet qed tinġabar l-informazzjoni.*

> When a disputed allegation is made against an employee, a careful and conscientious investigation must be carried out, and the investigator must focus no less on evidence which may exculpate the employee, or at least point to his innocence.

*Selwyn's Law of Employment 21st Edition para 12.2*

*Bl-istess mod, il-Bord naqas meta ma għamilx distinzjoni bejn investigazzjoni ġurnalistika li għandha r-regoli tagħha u investigazzjoni għal fini lavorattivi li ukoll għandha r-regoli tagħha u jridu jiġu rispettati. Il-Bord żbalja meta aċċetta bħala fatt*

*il-kelma tal-Editur li s-sorsi tiegħu kienu kredibbli biżżejjed biex jiġu emmnuti anki mingħajr ma jkunu magħrufa u eżaminati mill-Bord. Il-Bord ħalla l-investigatur jinfluwenza l-proċess bil-bias ta' dak li ppreżenta quddiem il-Bord meta xogħol il-Bord kien li b'mod oġġettiv jevalwa l-fatti u abbażi tagħhom jiddeċiedi b'ġustizzja.*

*Irid jingħad li fil-każ tal-allegat* shoplifting *id-direttur maniġerjali ħa rwol ta'* investigator *u rwol ta' ġudikant u anki rwol ta' interpretu bejn il-persuni preżenti fil-laqgħa tad-19 ta' Diċembru, 2019 u d-diretturi li ma kinux preżenti għal-laqgħa imma parteċipi fid-deċiżjoni finali. Tliet rwoli li għall-fini ta' ġustizzja u trasparenza qatt ma kellhom jitħalltu.*

*Id-Direttur Maniġerjali investiga b'mod attiv il-każ tal-Valyou, anki kien ikun miżmum infurmat b'dak li s-sorsi kienu qed iwasslu lill-Editur in Chief kemm fuq il-każ tal-Valyou u anki fil-każ tal-*leak. *L-esponent kien ukoll il-persuna li ma' oħrajn ifformula l-ittri li ngħataw lir-rikorrenti fil-jum tad-19 ta' Diċembru, 2019. Kien ukoll il-persuna li ċempel lid-diretturi l-oħra li ma kinux preżenti għas-smigħ biex filwaqt li jispjega dak li sar, iġib il-kunsens tagħhhom biex jitkeċċa mill-impjieg l-appellant. Taħlita ta' rwoli dak li bil-lingwa Ingliża jsejħulu 'enmeshment' li ma ħalliet ebda ċans lir-rikorrenti jiddefendi lilu nnifsu għaliex ma kellu l-ebda kontroll ta' din is-sitwazzjoni.*

> A person who is a witness in an investigatory roceedings should not act as a judge in disciplinary proceedings otherwise this could be regarded as a breach of the principle of natural justice.

*Selwyn's Law of Employment 21st Edition para 12.9*

***Ic*-Charge letter *u* letter of termination**

*Is-soċjetà tgħid li ħarġet* 'charge letter' *biex tkun konformi mal-ftehim kollettiv. Meta fil-passat is-soċjetà ħarġet* 'charge letters' *lir-rikorrenti, l-ittra kienet turi ċar li kienet* 'charge', *ref folio HR file 166. L-ittra tad-19 ta' Diċembru, 2019 ma turix li hija* 'charge letter' *tant li t-tieni ittra fl-istess jum tirreferi għal tal-ewwel bħala* letter/memo *u mhux* 'charge letter'.

*Il-ftehim kollettiv jispeċifika li meta jinħareġ iċ-*'charge', *l-impjegat għandu ħamest ijiem ċans biex jipprepara d-difiża tiegħu. F'dan il-każ il-*letter/memo *ma tagħtix din l-opportunità lir-rikorrenti. Dak li s-soċjetà qed tirreferi għalih bħala* 'charge letter' *mhix konsistenti ma' sitwazzjonijiet simili fil-passat.*

*Il-ftehim kollettiv jipprovdi biex l-impjegat ikun assistit meta jidher quddiem il-bord tad-dixxiplina. F'dan il-każ, din l-opportunità ma ngħatatx anqas. Il-*Human Resources Manager *li għandu l-prerogattiva li jiddeċiedi fuq il-każ saħansitra anki li jissospendi impjegat, jgħid li hu ma kienx involut fil-każ u kien maqbuż mill-proċess għajr għal*

*parir li kien mitlub jagħti dwar x'jgħid il-ftehim kollettiv. L-espert ta' kif jitmexxew proċessi ta' dixxiplina u li għandu l-obbligu li jaderixxi ma' dak il-ftehim li s-soċjetà tkun għamlet mal-Unjin, tħalla kompletament barra minn kull involviment fil-proċess. Ħaġa li t-Tribunal sab stramba ħafna.*

*Fl-ewwel ittra s-soċjetà tikkonkludi li dak li kienet qed tippreżenta kienu allegazzjonijiet;*

"due to the serious allegations" *ref folio A 12*

*Min-naħa l-oħra,* 'charge letter' *tipika teħtieġ aktar minn allegazzjonijiet imma akkużi speċifiċi li abbażi tagħhom min jakkuża jkun se jġib il-provi meħtieġa. Mhux biss dan ma sarx imma s-soċjetà bi ksur ta' prinċipju bażiku ta' ġustizzja li min jakkuża jrid jipprova talbet lir-rikorrenti li fil-konfront ta' dawn l-allegazzjonijiet, ikun hu li jipprova l-innoċenza tiegħu. B'din l-asserzjoni s-soċjetà qed turi li kellha problema biex iġġib il-provi fil-konfront tar-rikorrenti u tipprova l-każ tagħha. Minflok riedet li l-istess rikorrenti jagħmlilha xogħolha u jipprova hu l-innoċenza tiegħu. Din ma hija xejn ħlief assurdità li t-Tribunal ma jistenniex.*

*Fil-każ bid-deċiżjoni numru 2789 datat 06.12.2021 bl-ismijiet Owen Catania vs Fiona Farrugia, it-Tribunal Industrijali jiċċita d-deċiżjoni numru 3244/14 deċiża fit-28 ta' Frar, 2020 (Emanuel Mifsud vs AX Hotels Operations Ltd) fejn jintqal li*

> "L-addebitu tan-nuqqas jew tal-imġiba ħażina jrid ikun speċifiku, jiġifieri għandu jkun formulat b'mod ċar tal-aspetti essenzjali u materjali tal-fatt denunzjat. Mhux aċċettat allura li l-addebitu jkun bażat fuq sempliċi suspetti vagi jew ridott għall-allużjonijiet ġeneriċi."

*It-Tribunal ħares ukoll lejn l-ittra ta' terminazzjoni fejn tiċċita li s-soċjetà kellha biżżejjed evidenza biex tikkonkludi li kellha suspett raġonevoli biex tittermina l-impjieg tar-rikorrenti. Il-Qorti tal-Appell Inferjuri Eileen Leone Ganado vs Link School of Languages Ltd qalet li d-deċiżjoni trid tkun ibbażata fuq fatti li jirriżultaw mill-provi. Għalhekk biex is-soċjetà tikkonkludi li kellha raġunijiet suffiċjenti biex tkeċċi lir-rikorrenti, is-soċjetà kellha tippreżenta evidenza biex tkun eżaminata waqt li r-rikorrent ikollu l-opportunità biex jiddefendi ruħhu.*

*Fil-każ tal-inċident tal-*leak *dak li s-soċjetà ssejjaħlu suspett raġonevoli kien ibbażat fuq sors li allega li r-rikorrenti kien ta* tip off *lil terzi, meta l-istess ġudikanti fil-każ la jafu min hu dan is-sors u wisq anqas eżaminaw xi evidenza. Kien ikun biss wara smigħ xieraq u trasparenti, fejn jistressqu l-provi u jsiru l-kontro-argumenti mill-akkużat li s-soċjetà setgħet tkun moralment konvinta u tasal għall-konklużjoni oġġettiva li*

*għandha raġuni raġonevoli li ssib lir-rikorrenti ħati kif akkużat. F'dan il-każ dan ma sarx.*

*It-Tribunal ħares lejn aspett ieħor tat-*Termination Letter *ref folio B13 fejn is-soċjetà tidher li qed tpoġġi piż fuq id-deċiżjoni għat-tkeċċija għal inċidenti li seħħew f'Ġunju tal-2013, Mejju tal-2016 u Settembru tal-2018 liema inċidenti ma dehru imkien fl-ittra li ngħatat lir-rikorrenti aktar kmieni fl-istess jum, ref folio A11. Jekk dawn ma dehrux bħala akkużi, ir-rikorrenti ma setax jiddefendi lilu nnifsu dwarhom għalhekk is-soċjetà qatt ma setgħet b'mod ġust tiddixxiplinah dwarhom. Huwa prinċipju bażiku ta' ġustizja li jekk wieħed jiġi ċensurat irid ikun jaf fuq xhiex u li jingħata ċ-ċans li jiddefendi lilu nnifsu.*

*Il-Qorti tal-Appell, fil-każ James Buhagiar v Jani Ltd, qalet li nuqqas proċedurali hu wieħed mill-fatturi li t-Tribunal irid iqis meta jiġi biex jiddetermina jekk id-deċiżjoni tal-prinċipal kinitx raġonevoli.*

*Għalhekk it-Tribunal jikkonkludi li kien hemm ksur flagranti tal-ftehim kollettiv li ħoloq żbilanċ fl-ekwità bejn il-partijiet li rrendiet lir-rikorrenti f'pożizzjoni impossibbli biex jiddefendi lilu nnfisu u li jkollu ċans ġust għal smigħ xieraq.*

*It-Tribunal xorta waħda ma waqafx hawn imma ħares lejn aspetti oħra fosthom ir-raġunijiet tat-tkeċċija.*

***Il-każ tal-Valyou Supermarket***

*F'Ottubru, 2019 il-gazzetta* MaltaToday *ippubblikat artikolu fejn allegat li r-rikorrent kellu inċident ta'* shoplifting. *L-esponent appellant stqarr pubblikament fuq il-*facebook page *tiegħu u anki mas-soċjetà appellata li dan kien nuqqas ta' żvista meta nesa jtella' prodotti li kienu fuq wara tat-trolley. Hu jispjega li kif inġibditlu l-attenzjoni mill-kaxxiera huwa ħallas għal dak kollu li xtara u skuża ruħhu. Hu jikkontendi li ma kien hemm l-ebda każ ta' serq ref folio 57-66.*

*Is-Sur Ray Mintoff direttur tal-Valyou jixhed li meta ra l-video tas-*CCTV camera *kien ra lir-rikorreneti ħiereġ b'xi oġġetti fit-trolley li kien għadu ma ħallasx għalihom imma kif inġibdet l-attenzjoni tiegħu għal dan, ħallas fil-pront u skuża ruħhu.*

*Is-Sur Herman Grech jixhed li dakinhar li ħarġet l-istorja, kien iltaqa' mad-Direttur Maniġerjali u mal-edituri l-oħra tas-soċjetà flimkien mar-rikorrenti fejn semgħu l-verżjoni tal-esponent appellant is-Sur Camilleri u anki ċemplu lid-direttur tas-*supermarket *is-Sur Ray Mintoff biex jieħdu l-verżjoni tiegħu. Il-konklużjoni kienet li l-fatti kif spjegati mis-Sur Mintoff kienu differenti minn dawk ippubblikati fil-gazzetta* MaltaToday*. Għalhekk is-soċjetà ħarġet stqarrija biex tiddefendi lir-rikorrenti u tiddeplora l-istorja kif ħarġet fil-*MaltaToday - *ref folio 42 u folio 143.*

*Herman Grech iżid li f'Diċembru 2019 hu u d-Direttur Maniġerjali s-Sur Michel Rizzo marru għand id-direttur tal-Valyou s-Sur Ray Mintoff biex jindagaw dwar l-għajdut li kien qed jaslilhom, li effettivament l-istorja tas-*shoplifting *kif ippreżentata mir-rikorrenti lis-soċjetà, ma kinitx veritiera. Ix-xhud jgħid li s-Sur Ray Mintoff qallhom li r-rikorrenti kien ħa diversi oġġetti mis-*supermarket *u l-figura ta' dan kienet għolja ħafna ref. 144. Is-Sur Mintoff iżid li għalkemm provi ta' serq ma kellux xorta kien ftiehem mar-rikorrenti biex dan, iħallas ħamest elef euro u kollox jieqaf hemm. Is-sur Herman Grech anki għamel telefonata lis-Sur Philip Borg li hu direttur ieħor tal-Valyou fejn dan tal-aħħar qallu biex joqgħod fuq dak li kien qallu d-direttur l-ieħor is-Sur Ray Mintoff ref folio 283.*

*Ir-rikorrenti jgħid li dan l-arranġament tal-ħamest elef euro daħal għalih mhux għaliex kien ħa xi ħaġa li mhix tiegħu imma għaliex ma riedx li ħaġa bħal din teskala minħabba l-pożizzjoni pubblika li hu kellu bħala ġurnalist ref sottomissjonijiet 9.20.*

*Is-Sur Rizzo jixhed li din il-verżjoni ma kellha xejn x'taqsam mal-ewwel verżjoni tas-sur Mintoff u għalhekk ħass li abbażi ta' dak li kien qed jgħid id-direttur tal-Valyou, il-probabbilità kienet li l-gazzetta* MaltaToday *kellha raġun ref 73. Is-Sur Rizzo argumenta li b'din is-sitwazzjoni, is-soċjetà emmnet li fl-impjieg kellha ġurnalist li ma qalx il-verità u li minħabba f'hekk is-soċjetà kien se jkollha tikkoreġi l-istqarrija li kienet ħarġet favur ir-rikorrenti u tagħti raġun lil kompetitur tagħha.*

*Min-naħa l-oħra s-Sur Mintoff xehed li ħassu ppressat mis-Sur Herman Grech u s-Sur Michel Rizzo fejn tal-ewwel anke għamel pressjoni fuq il-partner fin-negozju s-Sur Philip Borg biex l-istess Mintoff jiltaqa' mas-Sur Herman Grech. Skont is-Sur Mintoff din il-pressjoni saret biex jgħidilhom li r-rikorrenti kien seraq meta hu jikkontendi li ma kellu ebda prova ta' dan;*

> "I never accused him, I was only investigating" – *ref folio 233.*

*Is-Sur Mintoff ikompli jgħid li s-Sur Grech u s-Sur Rizzo riedu din l-evidenza biex skont huma, jkeċċuh mill-impjieg;*

> "le qalli ċar u tond li biex jippruvaw ikeċċuh" – *ref 233.*

*Inċidenti li jseħħu barra l-post tax-xogħol minn impjegati huma normalment kwistjonijiet personali li l-prinċipal m'għandux ikollu interess fihom. Iżda, dan jiddependi mit-tip ta' xogħol li l-impjegat għandu, il-grad u r-rwol li jokkupa fil-post tax-xogħol tiegħu, in-natura tal-inċident innifsu u l-effett li jista' jkollu fuq in-negozju tal-prinċipal u anke l-effett fuq l-impjegati l-oħra.*

*Selwyn's Law of Employment 21st Edition jgħid li;*

If it can be said that the conduct in question has an adverse effect on the employer's business then a dismissal may be fair. *Para 17.137*

*F'dan il-każ, ir-rikorrent kien ġurnalist anzjan, persuna magħrufa fil-media, jopera fin-negozju tal-aħbarijiet u tal-kredibilità. Għaldaqstant, allegazzjoni ta'* shoplifting *fuq ġurnalist ewlieni ta' gazzetta ewlenija fil-pajjiż, żgur kien se jkollha effett fuq in-negozju tal-prinċipal u anke fuq il-kollegi li joperaw fl-istess* newsroom.

*Għalhekk is-soċjetà għamlet sew li tinvestiga l-għajdut li kien qed jaslilha u huwa raġonevoli li nvestigaturi indagaw sewwa l-fatti speċjalment meta jkun hemm verżjonijiet differenti tal-każ. Il-ħlas ta' ħamest elef euro li r-rikorrenti għamel lis-Sur Mintoff mhiex fiha nnifisha ammissjoni ta' serq imma hija informazzjoni direttament relatata mal-inċident tax-*shoplifting *u għaldaqstant huwa raġonevoli li s-soċjetà ħassitha aggravata meta din l-informazzjoni ma ħarġitx meta r-rikorrenti kien intervistat mill-maniġment. Bħal ma r-rikorrenti ħass li kellu bżonn l-appoġġ tas-soċjetà biex jipproteġi r-reputazzjoni tiegħu daqstant ieħor is-soċjetà kellha bżonn l-appoġġ tar-rikorrenti fil-forma ta' informazzjoni rilevanti biex is-soċjetà tagħraf tipproteġi r-reputazzjoni tagħha. Żbalja r-rikorrenti meta informazzjoni bħal din ma kinitx żvelata lis-soċjetà fil-ħin.*

*Min-naħa l-oħra min jinvestiga jrid ikun hemm jista' jkun oġġettiv u jagħmel ħiltu kollha biex fl-investigazzjoni jagħti wkoll piż lil dawk l-elementi u ċirkostanzi li b'xi mod jippuntaw lejn l-innoċenza ta' dak investigat. Li investigaturi a priori jgħidu li l-intenzjoni tagħhom hija li jkeċċu lill-appellant mill-impjieg huwa sinjal l-aktar ċar li l-investigazzjoni hija* biased *u għalhekk serjament nieqsa minn kredibbli għall-fini ta' ġustizzja. Investigazzjoni nieqsa mill-oġġettività mhix investigazzjoni kredibbli.*

*Fil-kuntest li l-istess kap tal-HR li fuqu taqa' r-responsabbilità primarja li jagħmel investigazzjonijiet bħal dawn, tħalla barra kompletament minn dan il-proċess, kif ukoll id-Direttur Maniġerjali involva ruħhu attivament fl-investigazzjoni meta quddiemu isiru appelli minn deċiżjoni dixxiplinarja, l-element ta'* bias *fil-każ ikompli jikber u mhux jonqos.*

*Għalhekk filwaqt li jidher li hemm ġustifikazzjoni biex is-soċjetà tieħu passi dixxiplinarji dwar dan il-każ, il-fatt li l-investigazzjoni telqet minn premessa ta' ħtija rrendiet l-investigazzjoni irrilevanti għal dan it-Tribunal.*

**Tip-off *lil terzi***

*Fid-19 ta' Diċembru, 2019 l-istess jum li fih ġie mkeċċi r-rikorrent mill-impjieg tiegħu, is-Sur Herman Grech u ġurnalisti oħra tat-Times of Malta saru jafu waqt smigħ fil-Qorti fil-kawża dwar Yorgen Fenech, ħin 13.18pm, li f'konverżazzjoni bil-mowbajl*

*fown bejn Yorgen Fenech u zijuh Ray jingħad li kien hemm xi ġurnalist li kien informa lil Yorgen Fenech li l-pulizija kienu qed isegwuh ref folio 87 and folio 90.*

*Minkejja li x-xhieda fil-qorti la ssemmi isem ta' ġurnalist u anqas il-gazzetta li jaħdem magħha, id-Direttur Maniġerjali s-Sur Michel Rizzo qal li kellhom sors li kien informahom li l-ġurnalist kien Ivan Camilleri. Dan is-sors kien tal-Editur in Chief is-Sur Herman Grech u għalhekk kien anonimu għad-Direttur Maniġerjali. Is-Sur Rizzo iżid li s-Sur Herman Grech kien kellmu dwar dan xi jiem qabel u għalhekk kien qed jistenna li din l-istorja kienet se toħroġ fil-media. Infatti s-sur Grech jixhed li kellu l-ewwel tagħrif dwar il-possibilità ta'* leak *mir-rikorrenti minn Mejju jew Ġunju tal-istess sena. Dan kien korroborat mill-Managing Director ref 345 meta spjega li hu kien jaf li s-sur Herman Grech kien jitkellem mar-rikorrenti dwar l-inkontri ġurnalistiċi li kien ikollu ma' Yorgen Fenech – ref folio 145. Sa Diċembru, 2019 stess l-Editur in Chief xehed li kien għadu jirċievi informazzjoni dwar il-*leak *mingħand is-sors tiegħu ref folio 145.*

*Minkejja dan is-soċjetà ma ħasset l-ebda bżonn li formalment tinvestiga sitwazzjoni li skont hi kienet diżastruża għall-kumpannija. It-Tribunal jistaqsi jekk kienet daqshekk serja s-sitwazzjoni għaliex is-soċjetà ma appuntatx investigazzjoni immedjata imma qagħdet tistenna sakemm din l-istorja toħroġ fil-media? Prinċipal tipiku li jkollu suspetti li impjegat tiegħu qed jikser regoli bażiċi tax-xogħol jipprova jimminimizza l-ħsara billi jieħu kontroll tas-sitwazzjoni u formalment jinvestiga u jieħu passi u mhux iħalli s-sitwazzjoni tiġi kontrollata jekk mhux ukoll manipulata minn terzi anzi mill-istess kompetituri.*

*Fix-xhieda tas-Supretendent Keith Arnaud joħroġ ċar li għalkemm il-pulizija kienu jafu li Yorgen Fenech kien jaf bl-arrest imminenti tiegħu, il-pulizija ma setgħux jgħidu kif u min seta' infurmah. Is-Supretendent Arnaud seta' biss jikkonferma li l-ġurnalist Ivan Martin kien għamel l-aħħar kuntatt tiegħu b'sms ma' Yorgen Fenech fid-9 ta' Lulju, 2019 filwaqt li Ivan Camilleri kien għamel l-aħħar kuntatt tiegħu ma' Yorgen Fenech fid-19 ta' Novembru, 2019 ref folio 212. Dawn ma kinux l-uniċi ġurnalisti tat-*Times of Malta *li kienu jikkomunikaw mas-Sur Yorgen Fenech jew li kienu jsegwu din l-istorja ref folios 123, 124. Dan jagħmilha aktar importanti għas-soċjetà biex tikkonduċi investigazzjoni oġġettiva għaliex kien hemm diversi elementi li kienu jeħtieġu eżami sewwa.*

*L-informazzjoni li ħarġet fil-qorti fl-għodwa tad-19 ta' Diċembru ħolqot paniku lis-soċjetà għaliex fehmet li l-istess informazzjoni setgħet tagħmlilha ħsara għar-reputazzjoni tagħha. Is-soċjetà, quddiem l-inazzjoni tagħha ta' ħafna xhur meta naqset li tieħu passi fuq l-allegati* leaks *li kienet diġà taf bihom, riedet tikkumpensa b'laqgħa mgħaġġla fl-istess jum bit-tama li tiskopri l-verità. Tant li minflok iffaċċjat lill-appellant b'akkużi speċifiċi talbitu biex jipprova l-innoċenza tiegħu għall-*

*allegazzjonijiet li ppreżentatlu. Meta wieħed iżid li l-appellant ma kellux żmien jipprepara u anqas ikun assistit, allura din il-laqgħa kienet biss waħda investigattiva iżda mal-mument li r-rikorrent ċaħad l-investigazjonijiet, il-Bord bidel il-funzjoni tiegħu f'wieħed ta' dixxiplina u r-riżultat kien li fi spazju ta' ftit iżjed minn siegħa, l-appellant tkeċċa mill-impjieg. Is-soċjetà żbaljat meta ħalltet dawn iż-żewġ funzjonijiet relatati imma li jridu jinżammu separati. Dak li joħroġ mill-investigazzjoni jista' jwassal għal passi dixxiplinarji imma proċess ta' investigazzjoni qatt ma jista' jinbidel fi proċess ta' dixxiplina.*

*Jekk wieħed ikollu jaċċetta li xi ħadd bħall-Editur in Chief jistrieħ fuq is-sors għaliex hija l-għodda prinċipali ta' kull ġurnalist, ċertament ma jistax jingħad l-istess għad-Direttur Maniġerjali li l-vesti tiegħu huma ta' tmexxija maniġerjali tas-soċjetà u mhux xogħol ġurnalistiku. Hu stess jispjega li l-istess soċjetà tagħmel distinzjoni bejn it-tmexxija tal-azjenda u l-Bord Editorjali u hekk għandu jkun.*

*Iżda f'din is-sitwazzjoni dan ma sarx, u għalhekk id-Direttur Maniġerjali kien żbaljat meta ħallat ir-rwol tiegħu ma' dak ta' ġurnalist u uża l-għodda tas-sorsi li anqas ma kienu magħrufa lilu stess biex abbażi tagħhom jitkeċċa r-rikorrenti.*

*Anqas ma hija kredibbli l-asserzjoni tad-direttur maniġerjali li għaliex l-atmosfera dak iż-żmien fil-pajjiż kienet tensa u b'konsegwenza n-*newsroom *kienet, simbolikament* "on fire" *kienet liċenzja biex il-prinċipal jinjora l-ftehim kollettiv. Meta ftehim kollettiv jagħti l-fakultà lis-soċjetà biex tissospendi impjegat mix-xogħol sakemm isiru l-investigazzjonijiet neċessarji u smigħ tal-każ, prinċipal tipiku kien jieħu din l-opportunità biex simbolikament* "puts out the fire" *u jagħti ċans lilu nnifsu jinvestiga sewwa biex meta jieħu deċiżjonijiet serji bħal temm ta' impjieg mhux biss ikun moralment konvint imma legalment korrett.*

*Is-soċjetà hekk kellha tagħmel u naqset milli tagħmlu.*

*L-evidenza għall-fini ta' proċess dixxiplinarju trid tkun waħda li hija rilevanti u sostanzjata bi provi tanġibbli. Hekk biss jista' wieħed jikkunsidra tali evidenza bħala waħda serja u timmerita li tiġi sindikata bis-serjetà. Jekk le, allura jkun biss għajdut u għalhekk ma jistgħux jittieħdu passi dixxiplinarji abbażi ta' għajdut.*

***Il-Kwistjoni dwar il-karattru tar-rikorrenti***

*Matul il-proċess tressqet evidenza ta' mġiba xejn kumplimentuża tar-rikorrent lejn terzi fosthom nies li kien jiltaqa' magħhom fil-ħajja pubblika u anki kollegi. Is-soċjetà ħarġet diversi* charges *dwar xi uħud minnhom. Id-difiża tar-rikorrenti kienet li jew kien provokat jew xi ħadd naqsu fil-perkors tal-ħajja lavorattiva. It-Tribunal mhux se jidħol fil-mertu ta' dawn l-inċidenti imma jrid jirrimarka li filwaqt li l-appellant huwa fil-*

*libertà li jadotta liema stil jixtieq fil-ħajja lavorattiva tiegħu, dan id-dritt jieqaf mal-punt li jista' jinkiser id-dritt ta' oħrajn. Li r-rikorrenti jippretendi li ħaddieħor għandu joqgħod għal kummenti dispreġjattivi tiegħu għaliex hu jikkontendi li dak huwa l-istil tiegħu, turi arroganza u hija kompletament inaċċettabbli – ref Seduta 20 ta' Ġunju, 2020. Din l-attitudni għamlet sitwazzjonijiet diġà diffiċli fuq il-post tax-xogħol aktar diffiċli.*

***<u>Deċiżjoni</u>***

*Wara li t-Tribunal eżamina u evalwa d-dikjarazzjoni tal-każ, testimonjanzi, dokumenti u sottomissjonijiet tal-partijiet u wara konsiderazzjoni ta' dawn, it-Tribunal, wara li ħares lejn l-elementi tal-każ fit-totalità u l-komplessità tagħhom, jiddeċiedi li r-rikorrent is-Sur Ivan Camilleri kien terminat mix-xogħol inġustament u għalhekk mhux skont il-liġi.*

***<u>Kumpens</u>***

*It-Tribunal jordna kumpens mingħand is-soċjetà Allied Malta Newspapers plc lir-rikorrenti s-Sur Ivan Camilleri s-somma ta' mija u wieħed u sebgħin elf, ħames mija u disgħa u sittin euro (€171,569.00) li nofsha titħallas fi żmien sitt xhur mid-data ta' din id-deċiżjoni u n-nofs l-ieħor jitħallas fi żmien sena minn din id-deċiżjoni.*

*Motivazzjoni tal-kumpens;*

| | | |
|---|---|---|
| *Basic weekly wages* | *(FS3) 2017 €973.18 x52 ġimgħa* | *€50,605.36* |
| | *(FS3) 2018 €975.93 x 52 ġimgħa* | *€50,748.36* |
| | *(FS3) 2019 €979.26 x 52 ġimgħa* | *€50,758.41* |

*Average ta' sena fuq it-tliet snin ref. folios 449-451*

*It-Tribunal uża l-*Extrapolated self-employment income
*Ref. folio 448 għal perijodu 2020-2028 u wasal għal figura ta' €238,566.00*
*(fejn huwa stmat li fl-2018 ikun laħaq id-dħul ta' €50,758.41)*

*Kalkoli finali –*

| | |
|---|---|
| *Average yearly wage €50,758.00 x 9 snin* | *€456,822.00* |
| *Tnaqqas is-self employment għa 9 snin folio 448* | *<u>€238,566.00</u>* |
| *Differenza* | *€218,256.00* |
| *Jiżdied il-bonuses statutorji għal 9 snin* | *€4,613.00* |
| *Tnaqqas 25% bħala l-piż tar-responsabbilità tar-rikorrent fil-każ* | *€55,717.00* |
| | *€167,152.00* |
| *Danni morali (€1000 għal kull sena mill-20 ta' Diċembru, 2019 jew parti minn sena)* | *€4,417.00* |

*Total dovut mis-soċjetà lir-rikorrenti €171.569.00*

*L-ispejjeż tal-kawża għad-debitu tas-soċjetà intimata jiġifieri l-Allied Newspapers plc."*

## L-Appell

5. Fir-rikors tal-appell imressaq fil-11 ta' Ġunju, 2024, is-soċjetà intimata talbet lil din il-Qorti tiddikjara li d-deċiżjoni appellata mhijiex konformi mal-liġi. Fl-eventwalità li l-ewwel aggravju jiġi milqugħ, is-soċjetà intimata talbet lill-Qorti tiddikjara li d-deċiżjoni appellata għandha tiġi mħassra jew varjata skont il-każ, u tiġi sostitwita b'deċiżjoni li jew tiddikjara li t-tkeċċija kienet għal raġuni tajba u suffiċjenti fil-liġi, u li l-ebda kumpens m'huwa dovut lill-appellat, jew inkella tvarja s-sentenza appellata kif jidhrilha hi. F'każ li l-ewwel aggravju ma jkunx milqugħ, din il-Qorti għandha tilqa' t-tieni aggravju, u tiddikjara li dik il-parti tad-deċiżjoni appellata li tikkonċerna l-kumpens pekunjarju għandha tiġi mħassra, b'dan illi din il-Qorti għandha tadotta linji gwida idonei skont dak ittrattat mis-soċjetà appellanta in konnessjoni mat-tieni aggravju, u b'hekk tistabbilixxi l-mod kif għandu jiġi kkomputat il-kumpens. In segwitu għal dak mitlub, il-Qorti għandha tistabbilixxi hija stess il-*quantum* ta' kumpens li għandu jitnaqqas mill-kumpens ordnat mit-Tribunal, u dan peress li fil-fehma tas-soċjetà appellanta, ikun utili jekk il-każ jiġi riferut lura lit-Tribunal f'dawn iċ-ċirkostanzi, speċjalment tenut kont li huwa mitlub li din il-Qorti tistabbilixxi kemm il-parametri kif ukoll il-*quantum* tal-kumpens, liema proċess għandu jservi ta' gwida lil kull min huwa interessat fis-settur.

6. Is-soċjetà appellanta spjegat li l-appellat kien impjegat magħha bħala ġurnalist korrispondent fi Brussell fis-sena 2004, u fis-sena 2012 huwa ġie

msejjaħ lura Malta sabiex jaħdem mas-soċjetà appellanta bħala *senior journalist.* Spjegat li waqt l-impjieg tiegħu magħha, l-appellat ingħata numru ta' twissijiet, kemm verbali, kif ukoll bil-miktub, u dawn it-twissijiet imorru lura għall-2014, fosthom minħabba aġir aggressiv u vulgari min-naħa tal-appellat fil-konfront ta' ġurnalisti sħabu. Qalet li fl-2019, seħħew żewġ inċidenti li hija qieset bħala inaċċettabbli, li wasslu għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat, kif spjegati fil-*letter of charge* li ngħatatlu fid-19 ta' Diċembru, 2019. Is-soċjetà appellanta qalet li l-ewwel inċident kien dwar suspett ta' ksur serju ta' etika għaliex hija kienet qiegħda tirċievi informazzjoni minn sorsi affidabbli, li l-appellat kien għadda informazzjoni ta' natura sensittiva lil Yorgen Fenech. It-tieni inċident seħħ meta f'artiklu ppubblikat f'ġurnal lokali, ġie rrappurtat li l-appellat kien seraq minn *supermarket* lokali. Is-soċjetà appellanta qalet li meta ġie ppubblikat dan l-artiklu, hija kienet talbet spjegazzjoni mingħand l-appellat, li ċaħad l-allegazzjonijiet fil-konfront tiegħu, u għalhekk kienet ħarġet stqarrija fejn iddefendiet bi sħiħ lill-appellat, imma wara li għamlet dan, irċeviet aktar informazzjoni li l-istorja rappurtata kienet vera. Qalet li bħala parti mill-investigazzjoni tagħha, ġew avviċinati numru ta' diretturi tas-*supermarket* in kwistjoni, li qalu li dan ma kienx każ iżolat, u li l-appellat kien ħa affarijiet mis-*supermarket* fuq numru ta' xhur mingħajr ma ħallas tagħhom. Qalet ukoll li fl-istess laqgħha, wieħed mid-diretturi tas-*supermarket* in kwistjoni, kien infurmaha li l-ammont dovut mill-appellat kien ta' aktar minn tnax-il elf Euro, u li minnhom l-appellat kien ħallas is-somma ta' ħamest elef Euro. Qalet li dan fisser li dak li qalilha l-appellat meta kkonfrontat bir-rapport li deher fuqu, ma kienx minnu, u wara li kkonkludiet l-investigazzjonijiet tagħha, hija kellha terġa' toħroġ stqarrija oħra sabiex tirtira dak li kien ingħad minnha fl-ewwel stqarrija.

Qalet li dan jammonta għal aġir gravi min-naħa tal-appellat, speċjalment meta wieħed iqis li l-kredibbilità, l-integrità u r-reputazzjoni tal-ġurnal huma kollox fl-operat tagħha. Qalet li l-appellat ingħata *letter of charge,* fejn ġie infurmat li kien qiegħed jiġi akkużat b'dawn iċ-*charges,* u wara li sar is-smigħ tad-dixixiplina, il-kumpannija ħasset li kellha tittermina l-impjieg tal-appellat, li fil-fatt ġie terminat fid-19 ta' Diċembru, 2019.

7. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal Industrijali naqas milli japplika l-elementi legali ta' kawża ġusta u suffiċjenti jew raġuni xierqa skont il-liġi għat-tkeċċija tal-impjiegat, meta tefa' wisq piż fuq id-difetti proċedurali tal-proċess dixxiplinarju, u naqas milli jevalwa jekk it-tkeċċija mill-impjieg kinitx waħda ġustifikabbli bħala konsegwenza tal-azzjonijiet tal-impjegat. Qalet li hija konxja li appelli minn deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali huma ammissibbli biss fuq punt ta' liġi, u hija konxja wkoll tal-fatt li d-determinazzjoni dwar jekk kienx hemm raġuni ġusta u suffiċjenti fit-tkeċċija, fil-maġġoranza tal-każijiet huwa eżerċizzju fattwali. Qalet li l-fatt li t-Tribunal naqas kompletament milli janalizza jekk ir-raġunijiet li wasslu għat-tkeċċija tal-appellat kinux tajba u biżżejjed skont il-liġi, minnu nnifsu jrendi tali nuqqas fi żball materjali ta' liġi li jeħtieġ li jiġi ssindakat minn din il-Qorti. Is-soċjetà appellanta hawnhekk għamlet riferiment għall-artikolu 2 tal-Kap. 452 u għall-artikolu 36(14) tal-istess liġi, u qalet li fil-liġi Maltija ma teżisti l-ebda definizzjoni ta' *'raġuni tajba u biżżejjed'* jew ta' *'kawża ġusta u suffiċjenti'* għat-tkeċċija mill-impjieg. Imma l-Konvenzjoni dwar it-Terminazzjoni tal-Impjieg tal-1982 tal-ILO, fl-artikolu 4 tgħid:

> "The employment of a worker shall not be terminated unless there is a valid reason for such termination connected with the capacity or conduct of the worker or based on the operational requirements of the undertaking, establishment or service."

Qalet li din il-linja gwida timmerita li tiġi segwita, u għalhekk f'każijiet li jittrattaw terminazzjoni allegatament inġusta, huwa mistenni li t-Tribunal Industrijali jasal għad-deċiżjoni tiegħu wara li jevalwa jekk skont il-fatti tal-każ, kienx hemm fil-fatt *'raġuni xierqa'* għat-tkeċċija konnessa mal-aġir jew mal-kapaċità tal-ħaddiem. Qalet li meta ssir din l-analiżi, it-Tribunal ma jistax jieqaf biss bl-eżami tal-applikazzjoni tal-proċedura ta' dixxiplina skont xi ftehim kollettiv jew b'mod ġenerali, iżda jrid jagħti l-piż mistħoqq lis-sustanza tal-każ, anki jekk jidhirlu li l-proċedura u l-vinkolu kuntrattwali li jorbtu l-partijiet, ma ġewx segwiti kif suppost. Hawnhekk is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għal dak li jistabbilixxi l-awtur Norman Selwyn, li fil-kitbiet tiegħu jgħid li hemm żewġ stadji fil-proċess tad-determinazzjoni dwar jekk tkeċċija mill-impjieg kinitx ġusta jew le: l-ewwel huwa l-mod kif ittieħdet id-deċiżjoni, u t-tieni jinvolvi d-deċiżjoni attwalment meħuda, jiġifieri r-raġuni għat-tkeċċija, il-ħtieġa li jiġu kkunsidrati ċirkostanzi li jwasslu għal tnaqqis fil-piena, u fatturi oħrajn. Qalet li fil-fatt it-Tribunal jirreferi għal dawn il-kitbiet ta' Selwyn fid-deċiżjoni tiegħu, imma imbagħad dan naqas milli jimxi magħhom, billi tefa' piż esaġerat fuq l-aspett proċedurali tal-proċess dixxiplinarju. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal għafas kemm felaħ fuq l-applikazzjoni tal-ftehim kollettiv, tant hu hekk li ddedika tmien paġni sħaħ fid-deċiżjoni tiegħu sabiex jevalwa dawn l-aspetti proċedurali. Qalet li minkejja li hemm madwar ħames paġni tad-deċiżjoni li fihom it-Tribunal jipprova jevalwa jekk kienx hemm raġuni tajba u biżżejjed għat-tkeċċija tal-appellat, meta wieħed jerġa' jaqra dawn il-paġni, jsib li t-

Tribunal reġa' straħ fuq l-aspett proċedurali fid-deċiżjoni tiegħu, anki meta evalwa s-sustanza tal-każ. Is-soċjetà appellanta tgħid li fil-konsiderazzjonijiet tiegħu tal-każ, it-Tribunal naqas milli jsemmi li l-appellat kien diġà f'pożizzjoni dgħajfa qabel seħħew iż-żewġ inċidenti li wasslu għat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu. Qalet li meta t-Tribunal innifsu ddeskriva l-karattru tal-appellat bħala wieħed diffiċli u arroganti, għandu jiġi assunt li t-Tribunal kien konxju tal-fatt li l-appellat kien f'pożizzjoni perikoluża. Is-soċjetà appellanta qalet li minkejja dan, it-Tribunal ma ta l-ebda piż lil dan l-aspett, iżda ta piż akbar lill-aspett proċedurali. Qalet li l-appellat kien diġà ġie mwissi formalment minnha li jekk jibqa' sejjer hekk, huwa kien ser ikun fil-periklu li jitlef l-impjieg. Qalet li dan kien element importanti li t-Tribunal ma setax jiskarta fl-analiżi tiegħu dwar jekk kienx hemm *'raġuni xierqa'* għat-tkeċċija tal-appellat, imma jidher li l-aspetti proċedurali għal darba oħra għelbu kull konsiderazzjoni oħra.

8. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għall-konsiderazzjoni tat-Tribunal li filwaqt li hija kienet ġustifikata li tinvestiga u tieħu passi dixxiplinarji, il-fatt li l-investigazzjoni telqet minn premessa ta' ħtija, irrendiet l-investigazzjoni irrilevanti. Qalet li hawnhekk it-Tribunal kien legalment żbaljat. Spjegat li anki jekk hemm difetti proċedurali fil-proċess dixxiplinarju jew investigattiv, it-Tribunal kellu jaddebita l-piż mistħoqq lil dan, iżda sal-punt li jiddetermina jekk is-soċjetà appellanta kellhiex raġunijiet *'xierqa u suffiċjenti'* skont il-liġi biex tittermina l-impjieg tal-appellat, u mhux straħ biss fuq l-aspetti proċedurali tal-proċess dixxiplinarju. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal donnu qed jgħid illi wara kollox dwar il-każ tal-Valyou ma ġara xejn, u dan mingħajr ma kkunsidra sewwa jekk is-sustanza tal-każ kinitx tammonta għal *'kawża ġusta u suffiċjenti'* li kellha twassal għat-tkeċċija tal-appellat. Qalet li d-

difetti proċedurali li semma t-Tribunal kienu tali li għelbu l-aspetti fattwali u l-konsiderazzjonijiet dwar jekk kienx hemm *'raġuni xierqa'* għat-tkeċċija, li t-Tribunal huwa statutorjament marbut magħhom. Qalet li l-fatt li l-appellat kien diġà ġie mwissi diversi drabi minnha dwar aġir dispreġġjattiv fil-konfront tal-kollegi tiegħu, anki jekk it-Tribunal deherlu li xi prinċipju ta' ġustizzja naturali ma ġiex osservat, ladarba t-Tribunal ikkonkluda li l-appellat reġa' żbalja fil-kwistjoni tal-Valyou *supermarket*, l-appellat kellu jbati l-konsegwenzi ta' dak l-iżball. Qalet li jekk dan ma jiġix aċċettat bħala prinċipju legali ta' kull każ ta' tkeċċija allegatament inġusta, kull impjegat li jigdeb u jgħawweġ il-verità a vantaġġ tiegħu, jista' jinħeba wara proċedura ta' dixxiplina f'xi ftehim kollettiv biex jikseb dikjarazzjoni mit-Tribunal li t-tkeċċija kienet inġusta. Qalet li t-Tribunal ma rrenxxilux jissepara l-analiżi dwar l-aspetti proċedurali tal-proċess dixxiplinarju, mill-analiżi dwar jekk ir-raġunijiet għat-terminazzjoni kinux *'tajba u biżżejjed'* għat-terminazzjoni skont il-liġi, iżda analizza biss il-proċedura mingħajr ma għamel apprezzament dwar is-sustanza tal-każ. Is-soċjetà appellanta qalet li anki fl-analiżi dwar l-allegazzjoni tat-*tip-off* lil Yorgen Fenech, it-Tribunal reġa' tefa' piż esaġerat fuq il-proċedura minflok evalwa l-provi sabiex jara jekk is-soċjetà appellanta kellhiex provi biex fuq bażi ta' probabbilità tasal għall-konklużjoni raġonevoli dwar jekk l-appellat setax kien il-persuna li ħareġ l-informazzjoni. Qalet li kull prova tanġibbli miġjuba minnha f'dan ir-rigward, it-Tribunal jew injoraha kompletament, jew inkella skartaha b'argument proċedurali biex iwaqqa' s-sustanza tagħha.

9. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal kellu dmir jgħarbel il-provi kollha, sabiex minbarra li jevalwa l-proċess dixxiplinarju li permezz tiegħu hija ħarġet iċ-*charges* fil-konfront tal-appellat, kellu jagħraf li l-kumpannija kellha biżżejjed

provi sabiex tikkonkludi li l-appellat, fuq bilanċ ta' probabbilitajiet, seta' kien dak li għamel it-*tip-off,* fosthom is-sors ta' Herman Grech li tefa' dawl fuq il-ħbiberija bejn l-appellat u Yorgen Fenech, u li fetaħ għajnejn il-kumpannija li kien hemm *leak* min-*newsroom;* ix-xhieda tas-Supretendent Arnaud; il-fatt li anki snin qabel l-appellat kien diġà beda jipprova jitkellem ma' ġurnalisti barra mill-kumpannija; ix-xhieda ta' Jacob Borg li kien qal lil Herman Grech li l-appellat kien viċin Yorgen Fenech, tant hu hekk li kien wera dubji meta Borg ipprova joħroġ storja dwar il-kumpannija 17 Black; l-aġir u r-reazzjoni ta' Ivan Martin li immedjatament stqarr li m'għandux x'jaħbi, u wera l-*mobile* tiegħu lil Herman Grech fl-ewwel mument opportun, kuntrajament għall-aġir tal-appellat li wera attitudni ta' konfrontazzjoni lejn il-kumpannija, minflok ma pprova jikkollabora magħha; u l-komunikazzjoni li kien hemm bejn l-appellat u Yorgen Fenech ftit jiem qabel ma dan allegatament ipprova jaħrab mill-pajjiż. Qalet li dan kollu ma kellux jiġi skartat bħala għajdut jew nuqqas ta' prova konkreta kif qal it-Tribunal. Qalet ukoll li t-Tribunal ma kellux jiskarta sors ġurnalistiku bħala 'għajdut', għaliex huwa dritt fundamentali ta' kull ġurnalist li jipproteġi s-sorsi tiegħu. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal naqas milli jistaqsi x'kien jagħmel prinċipal raġonevoli fiċ-ċirkostanzi, u minflok arroga għalih innifsu d-dritt li jissostitwixxi l-fehma tiegħu għal dik tal-'*employer*'. Qalet li hawnhekk it-Tribunal naqas milli japplika l-prinċipju ta' prova fuq bilanċ ta' probabbilitajiet kif rikjest minnu, iżda applika livell ta' prova ogħla li huwa legalment żbaljat, u li huwa aktar viċin il-livell ta' prova rikjest quddiem il-qrati kriminali, lil hinn mid-dubju dettat mir-raġuni. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal kien aktar iffukat fuq il-proċedura u fuq il-fatt li hija kellha l-possibilità li tissospendi lill-appellat, milli fuq l-evalwazzjoni korretta tal-provi u fuq l-analiżi ta' jekk kienx hemm raġuni

xierqa għat-tkeċċija tal-appellat, u għalhekk it-Tribunal ma tax il-piż mistħoqq lis-sustanza tal-każ.

10. Is-soċjetà appellanta qalet li filwaqt li huwa sagrosant li t-Tribunal jistenna li jkun hemm xi forma ta' smigħ u applikazzjoni tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali fil-każijiet kollha ta' tkeċċija inġusta, mhux legalment ġust li t-Tribunal jiskarta t-tajjeb kollu li għamlet is-soċjetà appellanta fiċ-ċirkostanzi mil-lat proċedurali. Qalet li t-Tribunal applika kull punt u regola li jinsabu fil-ftehim kollettiv għall-każ odjern, mingħajr ma evalwa jekk fil-prinċipju l-kumpannija imxietx ma' proċess bażiku li għandu jiġi applikat minn kull prinċipal jew le, jiġifieri '*what would a reasonable employer do?'.* Qalet li bħala stat ta' fatt, fid-19 ta' Diċembru, 2019, l-appellat issejjaħ fil-*board room* fejn kien hemm preżenti ċ-*Chairman* tal-bord tal-kumpannija, u numru ta' diretturi tal-kumpannija, l-*Editor in Chief,* u l-appellat, li ngħata ittra biż-żewġ akkużi li wasslu għat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu, jiġifieri l-kwistjoni tal-Valyou *supermarket* u t-*tip-off* lil Yorgen Fenech. Qalet li meta ġie rinfaċċat b'din l-ittra, l-appellat innega kollox, u wara li r-rappreżentanti tal-kumpannija ddeliberaw u ddiskutew id-deċiżjoni finali tagħhom, l-appellat reġa' ssejjaħ fil-*board room* għat-tieni darba, u wara li ġie mistoqsi jekk kellux x'iżid, huwa ngħata l-ittra ta' tkeċċija. Qalet li filwaqt li huwa rikonoxxut li l-affarijiet ġraw b'mod skjett, kien hemm raġuni għal dan naxxenti minn dak li kien għaddej fil-pajjiż.

11. Is-soċjetà appellanta qalet li filwaqt li huwa minnu li meta wieħed iħares fid-dettall, jidher li l-proċedura kkontemplata fil-ftehim kollettiv ma ġietx segwita b'mod strett, imma min-naħa l-oħra ma jistax jingħad li l-appellat ma kellux l-opportunità li jagħti l-fehma tiegħu, speċjalment meta wieħed iqis li l-

appellat mhux persuna li jżomm lura milli jesprimi ruħhu. Qalet li minkejja dawn iċ-ċirkostanzi proċedurali, it-Tribunal kien marbut li jevalwa jekk kienx hemm *'raġuni xierqa'* għat-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg, u filwaqt li t-Tribunal jista' jitfa' ċertu piż fuq tali ċirkostanzi proċedurali u jiżinhom fil-kuntest taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, it-Tribunal żbalja u naqas milli japplika l-liġi kif suppost meta kkonkluda li kien hemm tkeċċija inġusta għaliex il-proċess dixxiplinarju ma ġiex osservat b'mod strett. Is-soċjetà appellanta qalet li huwa ironiku li t-Tribunal lanqas biss ta każ tal-fatt li l-appellat naqas milli jappella d-deċiżjoni tat-tkeċċija kif seta' jagħmel skont il-ftehim kollettiv.

12. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal applika l-liġi b'mod ħażin, meta għamel riferiment għal-liġi Ingliża, li tistabbilixxi *standards* ferm differenti minn dawk mistennija minn prinċipal Malti. Qalet li f'Malta, per eżempju, mhux mistenni li jkun hemm tliet livelli ta' smigħ, jew li jingħata dritt ta' appell intern lil xi persuni indipendenti. Qalet li t-Tribunal żbalja wkoll meta ma tax każ lis-sustanza tal-ittra mogħtija lill-appellat, u straħ fuq l-argument li l-ittra ma kellhiex il-kliem '*letter of charge'.* Is-soċjetà appellanta qalet li l-fatt li dawn il-kelmiet ma kinux inklużi fl-ittra, m'għandux jikkanċella l-kontenut tagħha, għaliex din kienet tinkludi l-elementi kollha neċessarji biex titqies bħala *letter of charge* bl-effetti legali kollha tagħha. Is-soċjetà appellanta qalet li l-aġir tal-appellat u r-raġunijiet li wasslu għat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg, kellhom jingħataw ferm aktar piż mit-Tribunal, bir-riżultat li dan kellu jgħarbel jekk kienx hemm raġuni ġusta u xierqa għat-tkeċċija tal-appellat, lil hinn mill-proċedura adottata.

13. Fit-tieni aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta tgħid li l-*award* ta' kumpens mogħti mit-Tribunal mhux kompatibbli mal-parametri regolati statutorjament, u ma' interpretazzjoni legalment korretta ta' dak li huwa marbut bih it-Tribunal f'dan ir-rigward, u naqas milli jagħti motivazzjoni legalment korretta dwar il-komputazzjoni tal-kumpens. Is-soċjetà appellanta qalet li dan huwa aggravju fuq punt ta' liġi naxxenti mill-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452, li jgħid li t-Tribunal għandu jqis id-danni reali, imma l-liġi ma tgħidx li t-Tribunal għandu jagħti kumpens li jkun ekwivalenti għad-danni reali u futuri li sofra jew li ser isofri l-impjegat. Qalet li fil-fatt il-liġi lanqas ma tgħid li għandu jiġi applikat il-prinċipju tar-*restitutio in integrum.* Qalet li din il-Qorti għandha s-setgħa tvarja jew tirrevedi l-kumpens li jkun ġie likwidat mit-Tribunal, jekk tali kumpens ikun manifestement żbaljat jew għal xi raġuni gravi oħra. Is-soċjetà appellanta qalet li s-somma kkomputata bħala kumpens li għandu jitħallas lill-appellat, hija irraġonevoli għall-aħħar u mhijiex kompatibbli mal-parametri regolati statutorjament. Qalet li minkejja li t-Tribunal donnu jagħti ħjiel dwar kif wasal għal dan l-ammont billi niżżel il-kalkoli tiegħu, dan naqas milli japplika l-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452 b'mod li huwa legalment korrett. Qalet li dan in-nuqqas wassal lit-Tribunal sabiex jillikwida kumpens f'ammont straordinarju, irraġonevoli u sproporzjonat fiċ-ċirkostanzi tal-każ, speċjalment meta applika l-prinċipju jew il-metodu stabbilit fis-sentenza **Butler *vs.* Heard**, in kwantu li din is-sentenza kienet tikkontempla danni futuri u mhux danni reali. Qalet li t-Tribunal għandu biss il-poter li jistabbilixxi kumpens abbażi tal-provi sottomessi, u f'dan l-eżerċizzju t-Tribunal jista' jqis id-danni reali, qatt futuri, li jkun bata l-appellat bħala wieħed mill-fatturi, imma dan ma jistax ikun l-uniku fattur li jistrieħ fuqu t-Tribunal sabiex jistabbilixxi l-kumpens. Is-soċjetà appellanta qalet

li lanqas għandu t-Tribunal japplika l-kunċett ta’ *restitutio in integrum,* li huwa ikkontemplat fil-Kodiċi Ċivili, imma li ma jsibx applikazzjoni fil-kamp lavorattiv. Qalet li t-Tribunal injora fatturi bħall-età tal-impjegat, is-snajja’ tiegħu, u ċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ, u ffoka biss fuq l-element tad-danni sofferti minnu. Dan meta l-liġi titkellem dwar kumpens u mhux dwar danni. Qalet li n-natura ta’ kumpens hija ferm differenti min-natura ta’ danni, li hija kkontemplata fil-Kodiċi Ċivili, u kienet proprju l-intenzjoni tal-leġislatur li t-Tribunal ikollu s-setgħa li jiffissa kumpens jekk impjegat ikun tkeċċa b’mod inġust. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal, minflok illikwida kumpens skont il-parametri stipulati fl-artikolu 85(2)(a) tal-Kap. 452, illikwida ammont ta’ danni reali u futuri li allegatament sofra jew sejjer isofri l-appellat, li huwa proċess arbitrarju għall-aħħar li ġie adottat mit-Tribunal, u li mhuwiex konformi mal-liġi Maltija. Qalet li t-Tribunal iddipartixxa mill-formula adottata minnu f’każijiet preċedenti, u minflok ikkalkula danni futuri fuq perijodu ta’ disa’ snin, jiġifieri ż-żmien kemm ser idum l-appellat bħala ħaddiem *self-employed* biex jirċievi l-istess introjtu li huwa kellu qabel tkeċċa. Qalet li t-Tribunal ma ta l-ebda spjegazzjoni għaliex adotta dan il-metodu ta’ kumpens, u qalet li imkien ma ġie spjegat għal liema raġuni f’dan il-każ intuża *multiplier* ta’ disa’ snin, ħlief li mix-xhieda tal-appellat jirriżulta li huwa qies li ser  ikollu jgħaddi dan iż-żmien kollu biex huwa jiġi fl-istess sitwazzjoni li kien fiha li kieku baqa’ fl-impjieg tas-soċjetà appellanta. Qalet li jidher ukoll li t-Tribunal ħadem il-kumpens abbażi tal-prospett imħejji mill-*accountants ex parte* fl-interess tal-appellat. Difett ieħor li fiha l-komputazzjoni tat-Tribunal hija li din qieset iż-żmien bejn it-tkeċċija u d-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal sabiex jiġu kkalkulati d-danni reali.

14. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal għamel diversi konsiderazzjonijiet impreċiżi fil-kalkoli tiegħu, fosthom li uża l-pagi bażiċi għas-snin 2017, 2018 u 2019 mingħajr tnaqqis fit-taxxa u tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali; uża l-*extrapolated self-employment income* mis-sena 2020 sas-sena 2028; żied *bonuses* statutorji meta t-Tribunal m'għandux is-setgħa li jordna dawn it-tip ta' ħlasijiet; u ordna ukoll danni morali, meta m'hemm l-ebda prova tad-danni morali sofferti mill-appellat. Żiedet tgħid li apparti dan kollu, it-Tribunal għamel tnaqqis ta' 25% minħabba r-responsabbilità kontributorja tal-appellat, u meta għamel dan, it-Tribunal fetaħ ir-raġunament tiegħu għall-iskrutinju, peress li dan il-perċentwal mhux immotivat jew spjegat, u għalhekk mhuwiex skont il-liġi. Qalet li meta t-Tribunal naqqas dawn il-25%, it-Tribunal kien qiegħed jonqos milli jieħu konjizzjoni tal-fatti u taċ-ċirkostanzi tal-każ, u milli jattribwixxi perċentwal xieraq għall-imġiba tal-appellat, partikolarment meta rriżulta li dan kien gideb sfaċċatament, b'mod li l-integrità, il-kredibbilità u r-reputazzjoni tagħha ġew mittiefsa.

15. Is-soċjetà appellanta qalet li l-kumpens mogħti f'dan il-każ ser iwassal għal *chilling effect* fost min iħaddem f'Malta, u dan għaliex il-kumpens mogħti huwa wieħed sostanzjali għal kumpannija bħalha li qiegħda topera f'settur fejn il-fondi huma skarsi għall-aħħar. Qalet li hija kellha raġunijiet biżżejjed sabiex tittermina l-impjieg tal-appellat in vista tan-natura serja tal-offiżi li huwa kien akkużat bihom. Is-soċjetà appellanta qalet li l-kumpens stabbilit fil-każ odjern jammonta għal aktar minn tliet snin salarju tal-appellat, u t-Tribunal wasal għal dan l-ammont straordinarju għaliex straħ fuq kalkolu ta' danni futuri li deherlu li ser isofri l-appellat. Qalet ukoll li hemm riskju li kull *award* jew kumpens li ser jingħata fil-futur, jibda juża l-kunċett tal-*multiplier,* li hija xi ħaġa riskjuża u

perikoluża ħafna. Qalet li t-Tribunal tant irrikonoxxa li kien qiegħed jaqbeż il-limiti u l-parametri normali ta' kumpens, li ddeċieda *ex officio* li jordna li l-ħlas isir f'darbtejn. Hawnhekk is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għall-prassi mħaddma fi Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea, u fl-Ingilterra, dwar il-mod kif jinħadem u jiġi ordnat il-ħlas ta' kumpens f'sitwazzjonijiet bħal dawn, u qalet li bl-applikazzjoni tal-prinċipji u r-regoli mħaddma f'għadd ta' pajjiżi, il-kumpens li kellu jitħallas l-appellat kellu jkun ferm inqas, anki meta wieħed jikkunsidra l-ammont ta' snin li huwa kien ilu impjegat magħha. Is-soċjetà appellanta qalet li l-ammont ta' kumpens illikwidat mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata mhux konformi mal-parametri stabbiliti fil-liġi Maltija, u ma' interpretazzjoni legalment korretta ta' dak li huwa marbut bih it-Tribunal f'dan ir-rigward, u lanqas huwa kompatibbli ma' *standards* stabbiliti madwar l-Ewropa.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

16. L-appellat wieġeb li r-rikors tal-appell tas-soċjetà appellanta għandu jiġi miċħud stante li huwa null u vessatorju, filwaqt li d-deċiżjoni tat-Tribunal għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha stante li hija ben motivata, komprensiva u valida, għajr għal dik il-parti li dwarha l-appellat intavola appell separatament dwar it-tnaqqis fil-kumpens akkordat minħabba r-responsabbilità kontributorja tiegħu.

17. L-appellat qal li l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta mhumiex ibbażati fuq punt ta' liġi, iżda fuq il-mertu tad-deċiżjoni tat-Tribunal, u għalhekk ir-rikors tal-appell tagħha għandu jitqies li huwa null. Qal li r-rikors tal-appell huwa tentattiv min-naħa tas-soċjetà appellanta sabiex bi ksur tal-Kap. 452,

tipprova tikkonvinċi lil din il-Qorti sabiex tissindaka u tvarja d-deċiżjoni tat-Tribunal fuq il-mertu, meta huwa paċifiku li l-liġi tirriserva l-evalwazzjoni tal-provi esebiti u l-ġudizzju dwar l-istess, lit-Tribunal Industrijali. Qal li dan jgħodd kemm fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-provi fuq il-mertu tat-tkeċċija, kif ukoll dwar l-interpretazzjoni tal-provi dwar id-danni sofferti. L-appellat qal li appelli minn deċiżjonijiet tat-Tribunal jistgħu jsiru biss fuq punt ta' liġi, u għalhekk *ai termini* tal-artikolu 82(3) tal-Kap. 452, dan l-appell għandu jintbagħat lir-Reġistratur sabiex jingħata digriet *in camera* dwar l-ammissibilità tal-appell. L-appellat qal li għandu jirriżulta li l-kritika tas-soċjetà appellanta tammonta għal kritika tal-apprezzament tal-provi li għamel it-Tribunal sabiex wasal għall-konklużjoni li l-liċenzjament tal-appellat ma kienx ġustifikat, u qal li għalhekk dan mhux appell dwar ksur ta' liġi jew ta' applikazzjoni żbaljata ta' xi normi ġuridiċi. L-appellat qal li kuntrarjament għal dak allegat mis-soċjetà appellanta, għandu jirriżulta li t-Tribunal għamel ġudizzju ta' apprezzament dwar x'kienu l-elementi fattwali li wassluh għall-konvinċiment li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg saret għal raġunijiet mhux ġusti.

18. B'riferiment għall-ewwel aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta, l-appellat qal li mhux minnu li t-Tribunal illimita ruħhu għal stħarriġ dwar jekk l-appellanta imxietx mal-proċedura u ma kkunsidrax ir-raġunijiet li wasslu għat-tkeċċija tiegħu. Qal li f'każijiet fejn jeżisti ftehim kollettiv, u fejn il-provi ma jħallu l-ebda dubju li kien hemm ksur tal-ftehim kollettiv min-naħa tal-prinċipal, kien ovvju li t-Tribunal ser isib li l-prinċipal kiser l-obbligi tiegħu li jemanu mill-istess ftehim kollettiv, ossia l-obbligi li timxi skont ir-regoli tal-proċedura qabel jittieħdu passi dixxiplinarji; l-obbligu li tagħti l-opportunità ta' smigħ xieraq lill-ħaddiem, inkluż li jkollu żmien xieraq jifli l-akkużi kontra tiegħu u li jikkonsulta

ma' u li jkun assisitit minn rappreżentant tal-union jew avukat, kif ukoll sabiex jingħata opportunità jara, jevalwa u jirribatti l-evidenza kontra tiegħu; li l-bord tad-dixxiplina jillimita ruħhu għal dak li hu rilevanti għall-akkużi; li d-deċiżjoni tal-bord tad-dixxiplina tkun ukoll limitata għall-mertu tal-akkużi u mhux b'xi mod ikkontaminati minn informazzjoni jew allegazzjonijiet oħra li ma jkunux tniżżlu bħala akkużi fil-konfront tal-ħaddiem, jew akkużi li suppost intnesew mal-mogħdija taż-żmien; li l-bord tad-dixxiplina ma jkunx kompost minn persuni li għandhom kunflitt ta' interess qawwi għaliex ikunu huma li jagħmlu l-akkużi u li jinvestigaw lill-ħaddiem, u li toffri kif maħsub fil-ftehim kollettiv, opportunità reali ta' appell mid-deċiżjoni tal-bord tad-dixxiplina, li l-appellat ma ngħatax.

19. L-appellat qal li l-ftehim kollettiv huwa kuntratt li jorbot lill-partijiet kollha, u għamel riferiment għal diversi deċiżjonijiet li ngħataw mill-Qrati tagħna tul is-snin proprju fuq dan il-punt, fost oħrajn fejn ġie stabbilit li ladarba min iħaddem issuġġetta d-diskrezzjoni tiegħu li jittermina l-impjieg tal-ħaddiema għal proċedura partikolari, irid isegwi dik il-proċedura. Kompla jgħid li t-Tribunal għandu kompetenza jiddeċiedi dwar kull kwistjoni marbuta mat-tkeċċija inġusta, inkluż dwar il-proċedura li ntużat u li wasslet għal tali tkeċċija, u li f'dan il-każ assolutament mhux minnu li t-Tribunal illimita l-kunsiderazzjonijiet tiegħu għal konferma li kien hemm ksur tal-proċedura skont il-ftehim kollettiv. L-appellat qal li lanqas m'huwa minnu li t-Tribunul naqas milli jikkunsidra l-mertu tal-akkużi, iżda wara li evalwa l-provi miġjuba, iddeċieda li ma kienx hemm raġuni tajba u biżżejjed biex huwa jitkeċċa mill-impjieg. Qal li mill-aspett legali m'hemmx dubju li biex prinċipal ikeċċi ħaddiem, irid ikun hemm *'raġuni tajba u biżżejjed'* skont il-Kap. 452, u filwaqt li l-liġi ma tagħti l-ebda definizzjoni ta' x'inhi raġuni tajba u biżżejjed li tista' twassal għat-tkeċċija mill-impjieg, l-artikolu

36 tal-Kap. 452 jagħti lista ta' raġunijiet li ma jistgħu qatt jitqiesu li huma raġuni tajba u biżżejjed għat-tkeċċija. Hawnhekk l-appellat għamel riferiment għal diversi deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna fejn ġew stabbiliti numru ta' prinċipji ta' dritt li jirregolaw it-tkeċċija ta' ħaddiem. Qal li din hija kwistjoni ta' interpretazzjoni ta' fatti, u jekk it-Tribunal wara li jikkunsidra l-fatti, kif għamel f'dan il-każ, iqis li ma kienx hemm raġuni tajba u valida għat-tkeċċija, il-partijiet iridu joqogħdu għal dik id-deċiżjoni u ma jistgħux jagħmlu appell fuq dak il-ġudizzju tat-Tribunal. L-appellat saħaq li anki li kieku din il-Qorti kellha tevalwa l-mertu kollu skont il-kriterji stabbiliti fil-ġurisprudenza, jirriżulta li t-tkeċċija ma kinitx meritata. Hawnhekk l-appellat għamel riferiment għal partijiet tad-deċiżjoni appellata u qal li għandu jirriżulta bl-aktar mod ċar li t-Tribunal ma straħx biss fuq l-aspetti proċedurali tal-każ, iżda wkoll fuq l-aspetti sostantivi tiegħu. Qal li fejn ħaddiem ma jingħatax smigħ xieraq, u fuq bilanċ ta' probabbiltajiet ikun ċar li l-kwistjoni ma kinitx timmerita tkeċċija, il-proċedura ssir fattur importanti ferm, għaliex jekk titħaddem tajjeb setgħet tiġi evitata t-tkeċċija. L-appellat qal li huwa mhux biss ma ammettiex l-akkużi, iżda ċaħadhom bil-qawwa, u meta evalwa l-provi li kellu quddiemu, it-Tribunal ikkonkluda li kieku l-prinċipal mexa skont il-ftehim kollettiv, mhux biss hu kien jingħata smigħ xieraq, iżda kien ikun f'pożizzjoni li jiddefendi ruħhu b'tali mod li bil-provi kien jikkonvinċi lill-bord tad-dixxiplina li l-akkużi fil-konfront tiegħu kienu bbażati fuq qlajjiet, *hearsay,* miżinterpretazzjonijiet u invenzjonijiet.

20. L-appellat qal li mhux minnu dak allegat mis-soċjetà appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, li t-Tribunal ma ħa l-ebda konjizzjoni tad-dritt tal-appellat li jressaq appell mid-deċiżjoni tal-bord tad-dixxiplina, u qal li t-Tribunal ikkonferma li d-dritt tiegħu li jappella ġie mxejjen meta d-direttur maniġerjali li

huwa kellu dritt jappella quddiemu, kien preżenti waqt il-laqgħa li fiha l-appellat ġie akkużat u mkeċċi mill-impjieg f'temp ta' siegħa. Qal li l-proċess dixxiplinarju maħsub fil-ftehim kollettiv, ġie miksur u ppreġudikat mis-soċjetà appellanta, u din issa ma tistax, wara li kisret dak il-ftehim, tipponta subgħajha lejh għaliex huwa naqas milli juża l-proċedura li ġiet imminata minnha stess. L-appellat jgħid li huwa kien anki intavola protest ġudizzjarju, fejn kien informa lis-soċjetà appellanta li jekk tonqos milli tikkonforma mal-ftehim kollettiv, huwa kien ser jipproċedi quddiem it-Tribunal Industrijali.

21. L-appellat sostna li l-piż tal-prova f'każ ta' tkeċċija inġusta jinkombi fuq min iħaddem, u s-soċjetà appellanta naqset milli tressaq provi suffiċjenti sabiex tikkonvinċi lit-Tribunal li kien hemm raġuni tajba u biżżejjed li kellha twassal għat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg. Qal li t-Tribunal qies li s-soċjetà appellanta żbaljat għaliex straħet biss fuq id-*detto del detto* ta' xi sors li ħadd ma jaf min hu, u dan is-sors x'seta' qal, u t-Tribunal kien korrett meta kkonkluda li fl-ambitu ta' relazzjoni ta' impjieg, l-evidenza għall-fini tal-proċess dixxiplinarju trid tkun eżaminabbli. Qal li t-Tribunal ikkunsidra li mhux biss is-soċjetà appellanta naqset meta ma indikatx li l-ittra li tat lilu kienet tammonta għal *charge letter,* iżda wkoll li talbet lir-rikorrent, hawn appellat, iġib evidenza sabiex jipprova l-innoċenza tiegħu, li jfisser għalhekk li s-soċjetà appellanta kellha problema ġġib tali prova hi. Qal ukoll li l-inċidenti li seħħew ferm qabel iż-żewġ inċidenti li ssemmew fl-ittra tat-tkeċċija tiegħu, u li ma kinux inklużi fir-raġunijiet għat-tkeċċija, ma kellhomx jissemmew mis-soċjetà appellanta in sostenn tad-deċiżjoni li ħadet li huwa jitkeċċa mill-impjieg. L-appellat qal li l-ftehim kollettiv in kwistjoni jgħid li *warnings* jinżammu fir-*records* tal-kumpannija għal perijodu ta' sena, u huwa biss f'każijiet ta' offiżi serji li dawn jinżammu għal massimu ta'

ħames snin. L-appellat qal li s-soċjetà appellanta lanqas ma tista' tikkontendi li t-Tribunal injora inċidenti li seħħew fil-passat, għaliex fil-fatt dan attribwixxa negliġenza kontributorja fil-konfront tiegħu, u għalhekk ma tistax is-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal ma kkunsidrax dawn l-elementi. L-appellat qal ukoll li t-Tribunal spjega li ma kienx konvint li s-soċjetà appellanta straħet biss fuq suspett ta' *leak* fir-rigward ta' Yorgen Fenech, u t-Tribunal f'dan ir-rigward qal li kieku seħħet il-proċedura kif ikkontemplata fil-ftehim kollettiv, u semgħet il-verżjoni u d-difiża tal-appellat, huwa ma kienx jitkeċċa. It-Tribunal ikkunsidra wkoll li s-soċjetà appellanta ma ressqet l-ebda prova sabiex tissostanzja dak allegat minnha. It-Tribunal qies ukoll li s-soċjetà appellanta żbaljat meta straħet fuq dak li kellu xi jgħid Herman Grech, li investiga, ressaq l-akkużi u kien preżenti bħala membru tal-bord tad-dixxiplina, fejn minn banda xehed li huwa kien biss editur, u li ma kellux x'jaqsam mal-impjieg tal-appellat, u min-naħa l-oħra xehed li huwa kellu involviment ċentrali fil-proċess u fl-investigazzjoni li wasslet għat-tkeċċija tiegħu. L-appellat qal li t-Tribunal stħarreġ il-mertu fid-dettall, u anki għamel riferiment għax-xhieda ta' diversi persuni, fosthom Herman Grech, Michel Rizzo, u sid is-*supermarket* Ray Mintoff, u qies ukoll dak ippubblikat fil-gazzetti. L-appellat qal li t-Tribunal kien iffaċċjat b'żewġ verżjonijiet kunfliġġenti, fejn min-naħa l-waħda s-soċjetà appellanta baqgħet tinsisti li huwa kien seraq, u min-naħa l-oħra sid is-*supermarket* qal li ma kienx hemm serq, u li kien għalhekk li t-Tribunal ikkonkluda li s-soċjetà appellanta telqet minn premessa ta' ħtija. Qal li anki fil-każ tal-allegat *tip-off,* it-Tribunal evalwa x-xhieda u l-provi, inkluż dak li xehed l-Ispettur Arnaud, u spjega kif mill-evidenza jirriżulta li l-appellat ġie ttrattat b'mod differenti minn kif ġie trattat kollega tiegħu Ivan Martin, mingħajr ebda spjegazzjoni ċara u oġġettiva. Qal li ż-żewġ ġurnalisti

kienu f'kuntatt mal-familja Fenech bħala parti minn xogħolhom, imma s-soċjetà appellanta għażlet li tassumi li kien l-appellat li kien il-ħati, meta ma kien hemm l-ebda prova ta' dan. L-appellat qal li t-Tribunal iddeċieda li s-soċjetà appellanta għaġġlet anki minħabba l-klima li kien hawn fil-pajjiż, u għalhekk ħadet deċiżjoni mgħaġġla u żbaljata mingħajr ma kellha prova sabiex tikkorrobora l-akkużi tagħha. L-appellat qal li t-Tribunal imkien ma qal li huwa kien qiegħed ifittex xi forma ta' prova lil hinn minn kull dubju, imma sostna li f'każijiet bħal dawn l-oneru tal-prova kien jinkombi fuq il-prinċipal. L-appellat qal li t-Tribunal kien ċar fid-deċiżjoni tiegħu, u spjega li ma kienx qiegħed jistrieħ fuq għajdut u *detto del detto* ta' parti waħda, u li s-soċjetà appellanta kellha dmir li ssegwi r-regoli stipulati fil-ftehim kollettiv.

22. B'riferiment għat-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellat qal li lanqas dan m'huwa bbażat fuq punt ta' liġi. Qal li n-nuqqas ta' qbil tas-soċjetà appellanta mal-kumpens likwidat, mhijiex kwistjoni ta' dritt, u għalhekk dak in-nuqqas ta' qbil mhux ammissibbli fl-appell. Qal li mid-deċiżjoni appellata jirriżulta li t-Tribunal ma qabadx u fajjar kumpens bl-addoċċ, imma għamel dan wara li kkunsidra l-evidenza miġjuba mill-partijiet, u immotiva din il-parti tad-deċiżjoni tiegħu. Qal li l-liġi trid li jitħallas kumpens ossia danni għal dak li jkun sofra l-impjegat, u qiegħed realistikament isofri jew ser isofri minħabba t-tkeċċija tiegħu, u ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li l-leġislatur ma riedx biss li ħaddiem jitħallas għat-telf ta' introjtu li jkun ġarrab fiż-żmien meta spiċċa bla impjieg, għaliex jekk ikun hekk, ħaddiem li jsib impjieg fi ftit żmien wara li jitkeċċa, ma jkun ħaqqu l-ebda kumpens jew ftit li xejn kumpens. L-appellat saħaq li mhuwiex minnu li t-Tribunal għamel biss riferiment għaċ-ċirkostanzi tal-każ, għaliex il-motivazzjoni tiegħu ġiet spjegata fid-dettall, u lanqas m'huwa l-

każ li l-kumpens iffissat jista' jitqies li huwa sproporzjonat jew irraġonevoli, jew li jammonta għal *miscarriage of justice,* għaliex il-kumpens huwa riflessjoni tad-danni attwalment sofferti minnu.

23. L-appellat qal li t-Tribunal ikkonkluda li kienet is-soċjetà appellanta li naqset milli taġixxi bħala *bonus paterfamilias,* u b'hekk hija kellha twieġeb għall-ħsara li huwa ġarrab ħtija tagħha. Qal li huwa seta' kieku ried, ressaq l-argument li huwa kien ser jiġi affettwat b'din it-tkeċċija sakemm jirtira, u dan fid-dawl tal-karriera twila u magħrufa tiegħu, għaliex fil-fehma tiegħu ladarba ntefa' t-tajn, xi ftit minnu ser jeħel. Qal li s-settur li huwa dejjem ħadem fih huwa wieħed ristrett, u wara dak li ġara aktarx li l-opportunitajiet għalih sfaxxaw fix-xejn, u għalhekk kien ikun ġustifikat jargumenta li huwa ser jibqa' jsofri d-danni għal għomru. Qal li huwa kien prudenti u konservattiv fl-istimi tiegħu, li huwa bbaża fuq it-*tax returns* tiegħu, u fuq provi oħra li juru kif għal ħafna snin wara li tkeċċa huwa baqa' jsofri d-danni. L-appellat qal li huwa missier ta' tliet itfal li għadhom qegħdin jistudjaw, u t-tkeċċija inġusta tiegħu mill-impjieg mhux biss ħolqot problemi finanzjarji fl-immedjat, iżda t-tkeċċija, il-mod kif saret, dak li ntqal fil-pubbliku dwaru, u n-natura tas-settur li fih huwa mdorri jaħdem, ikkawżawlu problemi serji ta' natura finanzjarja sostnuti fuq medda ta' snin. B'riferiment għal-liġijiet ta' pajjiżi terzi, l-appellat qal li l-liġijiet li ssemmi s-soċjetà appellanta ma japplikawx għall-każ *de quo,* u ladarba ma saru l-ebda provi dwar il-kwantifikazzjoni quddiem it-Tribunal, tali provi m'għandhomx isiru issa. Qal li la t-Tribunal u lanqas din il-Qorti, ma huma kompetenti biex jikkunsidraw u jinterpretaw liġijiet ta' pajjiżi terzi, u lanqas m'għandha din il-Qorti tistrieħ fuq is-sommarju ppreżentat mill-appellanta tal-liġijiet tal-pajjiżi li hija għażlet li tagħmel riferiment għalihom. L-appellat saħaq li l-pajjiżi li ssemmew mis-soċjetà

appellanta mhux biss għandhom sistemi jew prassi, iżda għandhom liġijiet li jidħlu fid-dettall dwar il-likwidazzjoni tad-danni, li jvarjaw skont il-każ, u għandhom ġurisprudenza domestika li tinterpreta dawk il-liġijiet jew sistemi. Qal li għalhekk ikun żball li wieħed jasal għal konklużjoni fuq sempliċi eżerċizzju li għamlet is-soċjetà appellanta.

24. L-appellat qal li huwa ressaq lil Fr Joe Borg bħala xhud, u d-depożizzjoni tiegħu titkellem waħedha dwar l-impatt li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg ħalliet fuqu. Qal li s-soċjetà appellanta tammetti li fil-ġurnaliżmu r-reputazzjoni hija kollox, u l-mod kif saru l-affarijiet f'dan ir-rigward fisser li huwa sejjer isofri impatt negattiv fit-tul, u għalhekk jistħoqqlu kumpens adegwat għal dan. Qal li fil-mument tat-tkeċċija, is-soċjetà appellanta kienet taf li kienet qiegħda tgħaġġel minkejja li kellha obbligu li tagħtih smigħ xieraq. Qal li hija konxjament u kapriċċożament għażlet li xxandar permezz ta' stqarrijiet pubbliċi it-tkeċċija tiegħu, u r-raġunijiet li wasslu għaliha, u wżat l-influwenza tagħha kontra l-aktar ġurnalist prominenti tagħha. Qal li wara l-istqarrija li ħarġet is-soċjetà appellanta fil-gazzetta tagħha, kien hemm ministru tal-gvern li għamel post fuq il-mezzi soċjali fejn ikkopja l-artiklu mxandar mit-*Times*, u anki dan jagħti raġun lilu meta qal li kien hemm numru ta' persuni li lilu kienu jarawh problema għaliex kien jagħmel xogħlu sew. L-appellat qal li huwa ta ċans lis-soċjetà appellanta, li kienet qiegħda timxi b'mod proċeduralment skorrett fil-konfront tiegħu għaliex l-akkużi dwaru kienu bbażati fuq konġetturi u *detto del detto,* anki billi intavola att ġudizzjarju, imma s-soċjetà appellanta, minflok ma wieġbet b'att ġudizzjarju ieħor kif normalment isir, ħarġet stqarrija pubblika oħra fuq il-gazzetta tagħha, u qalet li kienet ser tiftaħ proċeduri ta' libell kontra l-appellat. Qal li sal-lum din ma għamlet l-ebda kawża ta' libell kontra tiegħu. L-appellat qal li għalhekk issa

s-soċjetà appellanta għandha terfa' r-responsabbilità għal għemilha u għan-nuqqasijiet, l-omissjonijiet u l-ksur tal-obbligi statutorji u kuntrattwali tagħha, li jirrendu t-tkeċċija tiegħu waħda inġusta u anki diskriminatorja.

25. L-appellat qal li huwa ma jaqbilx mat-tnaqqis ta' 25% kkomputati mit-Tribunal għar-responsabbilità kontributorja tiegħu, u qal li għalhekk huwa qiegħed iressaq appell separat proprju fuq dan il-punt. Qal li lanqas ma jaqbel li d-danni morali għandhom ikunu limitati biss għal €1,000 fis-sena għas-snin ta' bejn l-20 ta' Diċembru, 2019 sad-data tad-deċiżjoni, għaliex id-danni morali sofferti minnu ma waqfux mad-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal.

26. L-appellat qal li t-Tribunal ikkonċeda żmien ta' sena mid-data tad-deċiżjoni lis-soċjetà appellanta biex tħallas il-kumpens dovut lilu, u għalhekk filwaqt li huwa ilu diversi snin isofri danni, is-soċjetà appellanta ngħatat nifs mit-Tribunal sabiex tħallas. Qal li fl-istess waqt, it-Tribunal naqas milli jikkomputa l-imgħaxijiet li teknikament għandhom japplikaw bir-rata ta' 8%, ladarba l-ammont dovut mhux ser jitħallas f'daqqa. Żied jispjega li huwa ma ntavola l-ebda appell dwar dan il-punt, imma jsemmi dan biss għaliex is-soċjetà appellanta tgħid li l-ammont likwidat bħala kumpens huwa esaġerat jew sproporzjonat. Qal li l-ammont likwidat huwa wieħed konservattiv u prudenti ħafna, ibbażat fuq prova mhux ikkontestata u fuq konsiderazzjonijiet realistiċi ta' esperti, u għalhekk mhemm l-ebda raġuni għalfejn din il-Qorti għandha tvarja d-deċiżjoni tat-Tribunal.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

27. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet

magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat.

*L-Ewwel Aggravju:* *[It-Tribunal naqas milli japplika l-elementi legali ta'* 'kawża ġusta u suffiċjenti' *jew ta'* 'raġuni xierqa skont il-liġi' *li għandhom iwasslu għal tkeċċija, iżda minflok tefa' wisq piż fuq il-proċess dixxiplinarju u naqas milli jevalwa jekk it-tkeċċija kinitx ġustifikabbli bħala konsegwenza tal-azzjonijiet tal-appellat]*

28. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni appellata għaliex it-Tribunal naqas milli jevalwa jekk abbażi tal-fatti tal-każ, hija kinitx ġustifikata fid-deċiżjoni li ħadet li tkeċċi lill-appellat mill-impjieg. Qalet li t-Tribunal ta piż akbar lill-element proċedurali milli lis-sustanza tal-każ, tefa' piż inordnat fuq il-proċedura, u għamel enfasi fuq il-ftehim kollettiv, u jekk dan ġiex osservat fil-proċess adottat minnha sabiex l-appellat tkeċċa mill-impjieg, u dan mingħajr ma qies jekk fis-sustanza hija kinitx ġustifikata fid-deċiżjoni li ħadet. Is-soċjetà appellanta saħqet li, per eżempju, it-Tribunal naqas milli jikkunsidra li l-appellat telaq minn pożizzjoni dgħajfa hekk kif dan kien diġà ngħata twissijiet oħra fil-passat rigward l-imġiba tiegħu fuq il-post tax-xogħol, u minflok it-Tribunal għamel numru ta' asserzjonijiet, fosthom li hija telqet minn preżunzjoni ta' ħtija tal-appellat sabiex ħadet id-deċiżjoni li titterminalu l-impjieg. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal naqas milli jidħol fil-mertu tal-każ, injora d-dispost tal-liġi, u naqas milli jevalwa jekk kienx hemm kawża ġusta u suffiċjenti biex l-appellat jitkeċċa mill-impjieg jew inkella jekk hija kellhiex raġuni xierqa skont il-liġi biex titterminalu l-impjieg. Qalet li ladarba nstab li l-appellat kien naqas jew żbalja, dan kellu jiffaċċja l-konsegwenzi għan-nuqqasijiet tiegħu, u mhux jinħeba

wara dak li jgħid il-ftehim kollettiv. Qalet li t-Tribunal żbalja għaliex għamel analiżi tal-proċedura adottata minnha, minflok qies jekk hija kinitx ġustifikata fid-deċiżjoni li ħadet in vista tal-imġiba tal-appellat. Is-soċjetà appellanta allegat li t-Tribunal naqas milli jevalwa kif suppost il-provi miġjuba minnha, u qalet li t-test li kellu jadotta t-Tribunal kien li jevalwa x'kien jagħmel prinċipal raġonevoli fl-istess ċirkostanzi, u mhux jekk il-ftehim kollettiv li jirregola l-impjieg tal-appellat ġiex segwit.

29. L-appellat ħa l-pożizzjoni li dan l-aggravju mhux ibbażat fuq punt ta' liġi deċiż mit-Tribunal, u li għalhekk din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza meħtieġa biex tindaga dwar dan l-aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta. L-argument tas-soċjetà appellanta hawnhekk huwa li t-Tribunal naqas milli japplika l-liġi b'mod korrett, u minflok ma ffoka fuq jekk l-imġiba tal-appellat kinitx tali li kellha twassal għat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg għal raġuni ġusta skont il-liġi, ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq jekk ġiex segwit il-ftehim kollettiv li jirregola l-impjieg tal-appellat, u eventwalment ikkonkluda li kien hemm diversi nuqqasijiet fil-proċedura adottata mis-soċjetà appellanta qabel din ipproċediet bit-terminazzjoni tal-appellat mill-impjieg. Is-soċjetà appellanta għalhekk qiegħda tallega li t-Tribunal poġġa enfasi akbar fuq il-proċedura milli fuq is-sustanza, kif kien obbligat jagħmel bil-liġi, u huwa f'dan is-sens li l-aggravju tagħha huwa bbażat fuq punt ta' dritt li ġie deċiż u determinat mit-Tribunal. Din il-Qorti tikkunsidra illi safejn l-aggravju tas-soċjetà appellanta huwa bbażat fuq il-fehma tagħha li t-Tribunal naqas milli jqis jekk hija kinitx ġustifikata fid-deċiżjoni ta' tkeċċija in vista tad-diversi allegazzjonijiet li saru dwar l-imġiba tal-appellat, il-Qorti għandha, mingħajr ma tidħol fil-mertu li mhuwiex kompetenza tagħha, tistħarreġ jekk almenu s-soċjetà appellanta hijiex ġustifikata tilmenta li

f'dan il-każ il-proċedura rebħet fuq is-sustanza, u dan fi spirtu li jmur kontra l-intenzjoni tal-leġislatur fl-artikoli 2 u 36(14) tal-Kap. 452. Għal dan il-għan, il-Qorti għamlet analiżi dettaljata tad-deċiżjoni appellata, fejn it-Tribunal beda l-konsiderazzjoni tiegħu tal-każ billi qal li l-indaġini tiegħu trid issir fuq żewġ binarji, jiġifieri fuq l-aspett proċedurali tal-proċess tad-dixxiplina, l-investigazzjonijiet li saru, is-smigħ tal-każ, u jekk l-appellat ingħatax dritt effettiv ta' appell; u ma' dan trid issir analiżi tas-sustanza tal-każ, jiġifieri tal-fatti li wasslu lis-soċjetà appellanta toħroġ l-ittra bl-akkużi fil-konfront tal-appellat. It-Tribunal spjega li huwa biss wara analiżi ta' dawn iż-żewġ fatturi, li huwa jista' jiddeċiedi jekk is-soċjetà appellanta kinitx ġustifikata fid-deċiżjoni li ħadet.

30. It-Tribunal beda billi għamel analiżi tal-proċess dixxiplinarju, u kkunsidra jekk dan segwiex il-prinċipji ta' ġustizzja naturali, mill-mument li fih l-appellat intalab jattendi għal laqgħa fejn ingħata *memo* b'żewġ akkużi partikolari, sal-mument li seħħ biss ftit minuti wara meta l-appellat ġie mgħarraf li l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat. It-Tribunal qies li fi kwistjonijiet ta' allegata tkeċċija inġusta mill-impjieg, il-prinċipju kardinali huwa dak tal-*pacta sunt servanda,* u li f'każijiet fejn jiġi stabbilit li prinċipal ittermina impjieg mingħajr ma segwa l-proċedura stabbilita, it-Tribunal Industrijali għandu juża kawtela akbar. It-Tribunal qies li l-appellat ma kien ingħata l-ebda preavviż dwar il-laqgħa, ingħata ittra li ssejħet *letter* jew *memo* b'numru ta' allegazzjonijiet li ma ssejħux 'akkużi', u dan mingħajr ma ngħata ċans iħejji d-difiża tiegħu jew jagħti l-verżjoni tiegħu dwar il-fatti kif seħħew, u għalhekk sa ftit minuti qabel ġie infurmat li kien qiegħed jitkeċċa mill-impjieg, l-appellat ma kellu l-ebda ħjiel li fil-fatt kien qiegħed jiffaċċja proċeduri dixxiplinarji li setgħu jwasslu għat-tkeċċija tiegħu. It-Tribunal qies li l-appellat ma ngħatax smigħ xieraq, u dan fil-

kuntest ta' ċerta għaġġla li uriet is-soċjetà appellanta biex tfittex titterminalu l-impjieg, anki fid-dawl tal-klima li kien hawn fil-pajjiż fil-ġranet ta' qabel id-19 ta' Diċembru, 2019. It-Tribunal qies li l-ftehim kollettiv kien jipprovdi għall-possibilità ta' sospensjoni mill-impjieg, pendenti l-eżitu ta' investigazzjoni bil-kwiet dwar l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tal-appellat, imma dan ma sarx, u għalhekk is-soċjetà appellanta naqset meta ma mxietx b'dan il-mod. It-Tribunal tefa' dubji dwar il-motiv għalfejn is-soċjetà appellanta baqgħet għaddejja bit-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg, minkejja li dan kien ċaħad l-akkużi li saru fil-konfront tiegħu, u qajjem ukoll il-kwistjoni li kwalsiasi appell li seta' jsir mill-appellat wara d-deċiżjoni tal-bord tad-dixxiplina, kien ser ikun inutili u irrilevanti fid-dawl tal-fatt li d-direttur maniġerjali li seta' jirċievi l-appell tal-appellat, kien attenda l-laqgħa tal-bord tad-dixxiplina fejn ittieħdet id-deċiżjoni li l-impjieg tal-appellat kellu jiġi tterminat.

31. It-Tribunal spjega fid-deċiżjoni tiegħu, li aspett ieħor tal-indaġini li kellu jagħmel qabel jiddetermina l-kwistjoni li kellu quddiemu, kienet dwar il-kwalità tal-investigazzjoni li tmexxiet mis-soċjetà appellanta, u l-komportament ta' uħud mill-persuni li mexxew din l-investigazzjoni. It-Tribunal għamel riferiment speċifiku għaż-żewġ allegazzjonijiet prinċipali li saru dwar l-imġiba tal-appellat, jiġifieri għall-inċident tal-Valyou *supermarket,* u għall-kwistjoni tat-*tip-off* lil Yorgen Fenech, u saħaq li kwalsiasi evidenza li titqies u li twassal biex persuna titkeċċa mill-impjieg, trid tkun eżaminabbli. It-Tribunal imkien ma qal, kif donnha timplika s-soċjetà appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, li din kellha tiżvela s-sors li wassal ċerta informazzjoni, iżda qal li s-soċjetà appellanta kienet obbligata tagħmel distinzjoni bejn stħarriġ jew investigazzjoni għall-fini ta' stħarriġ ġurnalistiku, fejn is-sors irid jibqa' protett, u stħarriġ investigattiv li seta'

jwassal sabiex persuna tiġi tterminata mill-impjieg. It-Tribunal kien korrett meta qal li l-oneru tal-prova li kien hemm ġustifikazzjoni għat-tkeċċija, kien tas-soċjetà appellanta. Din il-Qorti qieset bir-reqqa l-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal dwar iż-żewġ akkużi ewlenin li saru fil-konfront tal-appellat, u li wasslu għat-tkeċċija tiegħu, jiġifieri l-mod kif is-soċjetà appellanta stħarrġet rapport li sar f'ġurnal rivali dwar allegat *shoplifting* minn *supermarket* min-naħa tal-appellat, u l-kwistjoni tal-informazzjoni li ġiet żvelata lil persuna li kien qiegħed jiġi investigat mill-Pulizija in konnessjoni ma' reat maġġuri f'Malta. It-Tribunal qies li l-indaġini li saret mis-soċjetà appellanta fiż-żewġ każijiet, ma kinitx waħda ħielsa mill-*bias* jew li wasslet għal proċedura dixxiplinarja ġusta, għaliex l-appellat la ngħata ċ-ċans jiddefendi ruħhu u lanqas ma ngħata ċans jispjega ċ-ċirkostanzi f'kull każ. Fil-każ tal-allegat *shoplifting,* saret investigazzjoni minn esponenti ewlenin tas-soċjetà appellanta, li tkellmu ma' wieħed mid-diretturi tas-*supermarket,* li għall-bidu pprova jmewwet dak li kien ġara, u qalilhom li l-appellat kien ħallas għall-oġġetti li kien ħa mis-*supermarket*. Mhux konvinta jew sodisfatta b'dan, is-soċjetà appellanta kompliet bl-istħarriġ tagħha, u minkejja li ma ttieħdu l-ebda passi kriminali kontra l-appellat, u anki d-diriġenti tas-*supermarket* in kwistjoni wrew kawtela bil-mod kif wieġbu dwar dak li kien ġara, kif jirriżulta mill-provi, is-soċjetà appellanta kkonkludiet li l-appellat ma kienx qal il-verità kollha jew kien ħeba fatti materjali minnha. Anki dwar il-każ tal-allegata *tip-off* li ngħatat lil Yorgen Fenech, it-Tribunal qies li s-soċjetà appellanta ma tatx l-istess opportunità lill-appellat li ngħata persuna oħra fl-istess *newsroom,* u dan minkejja li l-appellat kien diġà għamilha ċara li xtaq iqabbad avukat ta' fiduċja tiegħu sabiex jassistih, u minkejja li kien anki bagħat protest ġudizzjarju fejn enfasizza fuq l-importanza li l-ftehim kollettiv jiġi

segwit. Għaldaqstant, mhijiex korretta s-soċjetà appellanta meta permezz tal-ewwel aggravju tagħha tgħid li t-Tribunal naqas milli japplika l-liġi b'mod korrett jew li dan ta piż inordnat lill-proċedura segwita minnha a skapitu ta' stħarriġ dettaljat dwar il-mertu jew is-sustanza, għaliex din l-asserzjoni bl-ebda mod ma hija fondata u ma tirriżultax. Għall-kuntrarju, għandu jirriżulta li t-Tribunal ikkunsidra fid-dettall is-sustanza tal-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tal-appellat, qies l-investigazzjoni li wasslet lis-soċjetà appellanta tkeċċi lill-impjegat tagħha mill-impjieg, u ddeċieda li din ma kinitx investigazzjoni li kellha twassal għat-tkeċċija immedjata tal-appellat, iżda semmai dan kellu jingħata ċ-ċans jispjega u jiddefendi ruħhu. It-Tribunal qies ukoll li meta s-soċjetà appellanta talbet lill-appellat iressaq hu ċerti provi, din għamlet hekk għaliex ma kellhiex provi konklussivi f'idejha, u għalhekk ippretendiet li jkun l-impjegat tagħha li jġib provi suffiċjenti li jgiddbu jew jippruvaw xort'oħra minn dak li kienet qiegħda tinsisti dwaru hi. Kienu dawn id-diversi nuqqasijiet proċedurali, li meta meqjusa fid-dawl tal-mertu proprju tad-deċiżjoni, ikkonvinċew lit-Tribunal li d-deċiżjoni ta' tkeċċija kienet waħda inġusta, għaliex meta l-appellat ma ngħatax smigħ xieraq, u dan ma tħalliex jiddefendi ruħhu kif suppost fil-proċeduri dixxiplinarji, id-deċiżjoni li ttieħdet ma setgħetx tkun waħda ġusta, iktar u iktar meta jirriżulta li din ittieħdet f'temp ta' ftit minuti. Ċertament li t-Tribunal kien korrett meta qal li fejn jiġi stabbilit li l-ftehim kollettiv li jirregola r-relazzjoni bejn ħaddiem u min iħaddmu ma jiġix osservat, l-indaġini li trid issir mit-Tribunal trid tkun waħda aktar rigoruża, għaliex ksur unilaterali ta' dak il-ftehim diġà jwassal biex il-ħaddiem jiġi żvantaġġat, *multo magis* fejn jirriżulta li s-soċjetà appellanta telqet mill-premessa li riedet ittemm l-impjieg tal-appellat, u din id-deċiżjoni ttieħdet saħansitra qabel ġie avviċinat l-impjegat u ngħata l-ittra bl-allegazzjonijiet

miġjuba fil-konfront tiegħu. Li kieku ma telqitx minn din il-pożizzjoni, is-soċjetà appellanta ma kinitx tgħaġġel daqshekk biex tfittex tittermina l-impjieg tal-appellat, toħroġ stqarrija pubblika dwar din it-tkeċċija, u tiskonnettja lill-appellat mis-sistemi elettroniċi u mill-aċċess għall-uffiċċju, u għas-sistema tal-informatika tagħha. L-għaġġla li biha ttieħdet id-deċiżjoni mis-soċjetà appellata, u dak li segwa wara, jikkoraboraw il-konsiderazzjoni tat-Tribunal li s-soċjetà appellanta telqet mill-premessa li riedet tittermina l-impjieg tal-appellat. Għaldaqstant tqis li l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu, għaliex din il-Qorti ma ssibx li hemm bażi fuq xiex is-soċjetà appellanta tilmenta li t-Tribunal ta piż akbar lill-aspett proċedurali milli lill-mertu proprju tal-każ li wassal għat-tkeċċija.

*It-Tieni Aggravju:* *[L-*award *tal-kumpens mhux kompatibbli mal-parametri regolati statutorjament u ma' interpretazzjoni legalment korretta ta' dak li t-Tribunal huwa marbut bih]*

32. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal ma ta l-ebda motivazzjoni dwar il-mod kif wasal għad-deċiżjoni tiegħu, u dan bi ksur tal-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452. Qalet li t-Tribunal kien marbut jagħti danni reali u mhux danni reali u futuri għat-telf soffert mill-impjegat, u l-liġi imkien ma tgħid li l-impjegat irid jiġi restitwit fis-sitwazzjoni li kien fiha qabel it-terminazzjoni tiegħu mill-impjieg. Qalet li s-somma mogħtija mit-Tribunal bħala kumpens hija irraġonevoli, straordinarja, u sproporzjonata. Qalet li sabiex wasal għas-somma likwidata, it-Tribunal ma applikax id-dispost tal-liġi għaliex ma ħa l-ebda konjizzjoni tal-età u

tas-snajja' tal-impjegat, iżda qies fatturi oħra, fosthom it-telf li jiġi sostnut minnu fl-ipotesi li huwa jdum mingħajr impjieg għal numru ta' snin.

33. Il-Qorti tirrileva li anki jekk is-soċjetà appellanta ma taqbilx mal-komputazzjoni tal-kumpens li saret mit-Tribunal, ma jfissirx b'daqshekk li l-kumpens likwidat b'xi mod ġie kkomputat mingħajr ma ġiet segwita l-liġi li tirregola l-għoti ta' kumpens fejn jinstab li persuna tkeċċiet mill-impjieg inġustament. L-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452 jipprovdi illi:

> "(2) Meta, fuq ilment magħmul skont l-artikolu 75, it-Tribunal isib li r-raġunijiet għall-ilment ikunu bbażati tajjeb –
>
> (a) F'każi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta, jekk ma jkunx hemm talba speċifika biex jerġa' jidħol fl-impieg jew biex jerġa' jiġi impjegat, jew it-Tribunal jiddeċiedi li ma għandux jagħmel ordni biex jerġa' jidħol fl-impjieg jew jerġa' jiġi impjegat kif intqal qabel, it-Tribunal għandu jagħti sentenza ta' kumpens, li għandha titħallas mill-prinċipal lil min jagħmel l-ilment, rigward it-tkeċċija:
>
> Iżda, meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens it-Tribunal għandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie mkeċċi mingħajr kawża ġusta kif ukoll ċirkostanzi oħra, inklużi l-età u s-snajja' tal-ħaddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tal-impjieg ta' dak il-ħaddiem."

34. Kuntrarjament għal dak li tikkontendi s-soċjetà appellanta, il-leġislatur ma impona l-ebda limitazzjoni fuq id-diskrezzjoni li għandu jeżerċita t-Tribunal fil-komputazzjoni tal-kumpens li għandu jitħallas lill-ħaddiem li jitkeċċa mill-impjieg mingħajr kawża ġusta, u fil-fatt il-liġi tgħid li t-Tribunal għandu jqis kemm id-danni reali kif ukoll it-telfien li jkun bata l-ħaddiem konsegwenza tat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg, u t-Tribunal għandu wkoll il-fakultà li jikkunsidra ċirkostanzi oħra li l-leġislatur ma jelenkax b'mod eżawrjenti, imma bħala eżempju jagħmel riferiment għall-età u għas-snajja' li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tal-impjieg ta' dak il-ħaddiem. Dwar il-komputazzjoni tal-kumpens li

għamel it-Tribunal, il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura la fil-kalkolu u lanqas fil-konsiderazzjonijiet magħmula minnu. Wara kollox jirriżulta li in vista taċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, huwa minnu li l-appellat ġie affettwat bid-deċiżjoni tat-tkeċċija, bl-impatt tagħha, u bil-pubbliċità li ngħatat lil dan il-każ mis-soċjetà appellanta għal tul ta' żmien, u d-deċiżjoni tat-Tribunal tirrifletti dan l-istat ta' fatt

Dwar il-kumplament tar-rikors tal-appell, billi it-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta huwa maħsub biex jolqot is-sustanza tad-deċiżjoni appellata, din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza meħtieġa la biex tissostitwixxi d-deċiżjoni tat-Tribunal ma' dik tagħha, u lanqas biex tfassal regoli jew linji gwida li għandhom jintużaw mit-Tribunal meta jiġi biex jagħmel kalkoli simili, kif qiegħda tippretendi s-soċjetà appellanta. Din il-Qorti lanqas m'hija disposta tagħmel analiżi komparattiva ma' dak li jsir f'ġurisdizzjonijiet barranin, għaliex il-liġi li trid tiġi applikata f'dan il-każ hija l-liġi Maltija. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu wkoll.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiċħad l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**